# KAPITOLU 417

## ATT DWAR IL-PRIVATTIVI INDUSTRIJALI U D-DISINNI

*Sabiex jipprovdi dwar ir-reġistrazzjoni u r-regolamentazzjoni ta' privattivi industrijali u disinni.*

1 ta' Ġunju, 2002

*L-ATT XVII ta' l-2000, kif emendat bl-Atti IX ta' l-2003 u XVIII ta' l-2005.*

### TAQSIMA I
### TITOLU

Titolu fil-qosor. *Emendat: IX. 2003.106.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni.

### TAQSIMA II
### TIFSIRIET

Tifsir. *Sostitwit: IX. 2003.107.*

**2.** Fit-Taqsimiet II sa XVII ta' dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"il-Kontrollur" tfisser il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali u tinkludi lil kull persuna oħra li tingħata delega mill-Kontrollur jew tiġi appuntata mill-Ministru sabiex teżerċita setgħa jew kull setgħa u twettaq xi dmir jew kull dmir tal-Kontrollur;

"materjal bijoloġiku" tfisser kull materjal li jiġbor fih informazzjoni ġenetika u li għandu l-kapaċità li jirriproduċi lilu nnifsu jew li jiġi riprodott f'sistema bijoloġika;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali u "Ministeru" għandha tiftiehem skond hekk;

"ordnat" tfisser ordnat b'dan l-Att;

"privattiva" tfisser id-dritt esklużiv mogħti mill-Kontrollur skond id-disposizzjonijiet ta'dan l-Att;

"proċess bijoloġiku essenzjali għall-produzzjoni ta' pjanti u annimali" tfisser kull proċess li jikkonsisti għal kollox f'fenomeni naturali bhalma huma t-taħlit jew is-selezzjoni;

"proċess mikrobijoloġiku" tfisser kull proċess li jinvolvi, jew li jsir fuq, jew li jirriżulta, f'mikromaterjal bijoloġiku;

"reġistru" tfisser ir-reġistru ta' privattivi li jinżamm taħt dan l-Att u tinkludi r-reġistru ta' privattivi li jinżamm taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, li hi f'parti minnha mħassra b'dan l-Att; Kap. 29.

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att dwar l-Unjoni Ewropea" ; Kap. 460.

"Trattat ta' Budapest" tfisser it-Trattat għar-Rikonoxximent Internazzjonali tad-Depożitu ta' Mikro-organiżmi għall-Fini ta' Proċedura dwar Privattivi magħmul f'Budapest fit-28 ta' April 1977;

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat;

"varjetà" tfisser aggruppar ta'pjanti fi grupp tassonomiku botaniku uniku ta' l-inqas grad magħruf, liema aggruppar, irrispettivament jekk il-kondizzjonijiet biex jingħata dritt għal varjetà ta'pjanta jew privattiva jintlaħqux għal kollox, jista' jkun:

- definit bl-espressjoni tal-karatteristiċi li jirriżultaw minn ġenotip speċifiku jew minn kombinazzjoni ta' ġenotipi,
- distint minn kull aggruppar ta'pjanti ieħor bl-espressjoni ta' mill-inqas xi wieħed mill-karatteristiċi msemmija, u
- kkunsidrat bħala unità singola fir-rigward ta' kemm hu adatt biex jiġi propagat mingħajr ebda bidla,

meta l-aggruppar ta'pjanti jikkonsisti f'pjanti sħaħ jew partijiet minn pjanti sakemm dawk il-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu pjanti sħaħ;

"varjetajiet ta' pjanti" tirreferi għall-ġenera u speċi kollha botaniċi, li jinkludu, fost l-oħrajn, ibridi bejn ġenera jew speċi.

## TAQSIMA III
## L-UFFIĊĊJU TAL-KONTROLLUR

Hatra u dmirijiet tal-Kontrullur.

**3.** (1) L-amministrazzjoni ta' dan l-Att għandha tkun fdata lill-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kontrollur".

(2) Il-Kontrollur għandu jinħatar mill-Ministru.

## TAQSIMA IV
## JEDD GĦALL-PRIVATTIVA

Invenzjonijiet b'jedd għal privattiva.
*Emendat: IX. 2003.108.*

**4.** (1) Invenzjonijiet li jkunu ġodda, jinvolvu pass inventiv u jkunu suxxettibbli għal applikazzjonijiet industrijali, jistgħu jingħataw privattiva:

Iżda dawk l-invenzjonijiet jistgħu ukoll jingħataw privattiva ukoll jekk ikunu jirrigwardaw prodott li jkun jikkonsisti minn jew ikun fih materjal jew proċess bioloġiku li permezz tiegħu jiġi prodott, ipproċessat jew użat materjal bijoloġiku:

Iżda wkoll, materjal bijoloġiku li jkun maqtugħ mill-ambjent naturali tiegħu jew prodott permezz ta' proċess tekniku jista' jifforma s-suġġett ta' invenzjoni jekk qabel kien jeżisti fin-natura.

(2) Dawn li ġejjin, b'mod partikolari, ma għandhomx jitqiesu bħala invenzjonijiet fi ħdan it-tifsira tas-subartikolu (1) -

(*a*) skoperti, tejoriji xjentifiċi u metodi matematiċi;

(*b*) kreazzjonijiet estetiċi;

(*ċ*) skemi, regoli u metodi għat-twettiq ta' atti mentali, attivitajiet ta' logħob jew il-ġestjoni ta' kummerċ u programmi għall-*computers*;

(*d*) kull preżentazzjoni ta' informazzjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom jeskludu l-jedd għall-privattiva tas-suġġett jew ta' l-attivitajiet imsemmija f'dak is-subartikolu biss sal-limitu li bih applikazzjoni ta' privattiva jew privattiva ikunu jirrelataw għal dak is-suġġett jew attivitajiet bħala tali.

(4) Metodu għall-kura ta' ġisem il-bniedem jew ta' annimal permezz ta' kirurġija jew ta' terapija u metodu djanjostiku li jiġi ppratikat fuq ġisem il-bniedem jew ta' annimal ma għandhomx jitqiesu bħala xi invenzjoni li tkun tista' tiġi applikata industrijalment għall-għanijiet tas-subartikolu (1):

Iżda dan is-subartikolu ma għandux ikun japplika għal prodotti, b'mod partikolari għal sustanzi jew kompożizzjonijiet, li jintużaw f'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin.

(5) Ma għandhiex tingħata privattiva għar-rigward ta';

(*a*) invenzjoni li l-esplojtazzjoni tagħha tmur kontra l-ordni pubbliku jew il-moralità pubblika:

Iżda dik l-esplojtazzjoni ma għandhiex titqies bħala li tkun hekk kuntrarja sempliċement għaliex tkun projbita b'xi liġi jew regolament;

(*b*) il-ġisem uman, fl-istadji diversi tal-formazzjoni u l-iżvilupp tiegħu, u s-sempliċi skoperta ta' xi wieħed mill-elementi tiegħu, inkluża s-sekwenza jew sekwenza parzjali ta' ġene:

Iżda element iżolat mill-ġisem uman jew li jiġi xort'oħra prodott permezz ta' proċess tekniku, inkluża s-sekwenza jew is-sekwenza parzjali ta' ġene, jista' jitqies bħala invenzjoni li tingħata privattiva, ukoll jekk l-istruttura ta' dak l-element tkun identika ma' dak ta' element naturali;

(*ċ*) proċessi għall-*cloning* tal-ġisem uman, proċessi għall-modifikazzjoni fil-linja ġerminattiva ta' l-identità ġenetika tal-ġisem uman u użijiet li jsiru mill-embriju uman għal skopijiet industrijali jew kummerċjali;

(*d*) proċessi u prodotti għall-modifikazzjoni ta' l-identità ġenetika ta' l-annimali li x'aktarx jikkaġunawlhom tbatija mingħajr ebda benefiċċju mediku sostanzjali la għall-bniedem lanqas għall-annimali;

(*e*) varjetajiet ta' pjanti u annimali:

Iżda ma jingħatawx privattivi għal varjetajiet ta' pjanti biss wara li tkun ġiet introdotta forma ġdida ta' protezzjoni ta' varjetà ta'pjanta f'dik il-forma li tista' tiġi ordnata:

Iżda wkoll, tista' xorta tingħata privattiva skond dawk l-applikazzjonijiet għal privattiva għal varjetà ta'pjanta li jkunu għadhom pendenti f'dik id-data li fiha tiġi ordnata l-forma l-ġdida ta' protezzjoni permezz ta' privattiva;

(*f*) proċess essenzjalment bijoloġiku għall-produzzjoni ta'

pjanti jew annimali:

Iżda dan ikun bla preġudizzju dwar kemm jistgħu jingħataw privattiva dawk l-invenzjonijiet li jirrigwardaw proċess mikrobijoloġiku jew xi proċess tekniku ieħor jew prodott li jkun ħareġ minn xi proċess bħal dak;

(*g*) sekwenza ta' DNA mingħajr informazzjoni teknika u partikolarment mingħajr indikazzjoni ta' funzjoni.

(6) Invenzjonijiet li jirrigwardaw pjanti jew annimali jistgħu jingħataw privattiva jekk l-adattabilità teknika ta' l-invenzjoni ma tkunx ristretta biss għal xi varjetà partikolari ta' pjanta jew annimal.

(7) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jimmodifika xi wieħed mill-provvedimenti ta' dan l-artikolu minbarra s-subartikolu (5)(*a*), (*b*), (*ċ*) u (*d*)) għall-għanijiet li dawn jinżammu konformi ma' żviluppi fix-xjenza u fit-teknoloġija.

Innovazzjoni.

**5.** (1) Invenzjoni titqies bħala waħda ġdida jekk din ma tkunx tagħmel parti minn xi arti prijuri.

(2) L-arti prijuri tfisser dak kollu li, qabel id-data tal-preżentata jew, meta tiġi vantata l-prijorità, qabel id-data ta' prijorità ta' l-applikazzjoni li fiha tkun qed tiġi vantata l-invenzjoni, kien disponibbli għall-pubbliku f'għamla miktuba jew xort'oħra grafika, b'deskrizzjoni orali, b'użu jew b'kull mod ieħor x'imkien ieħor fid-dinja.

(3) L-arti prijuri tinkludi wkoll il-kontenut ta' kull applikazzjoni għal privattiva kif tkun ġiet ippreżentata f'Malta, jew b'seħħ għal Malta, sal-limitu li dik l-applikazzjoni jew il-privattiva konċessa dwarha tiġi sussegwentement ippubblikata minn jew għall-Uffiċċju tal-Kontrollur:

Iżda d-data ta' l-applikazzjoni jew, meta tiġi vantata l-prijorità, id-data ta' prijorità ta' dik l-applikazzjoni għandha tkun data li tiġi qabel id-data msemmija fis-subartikolu (2).

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (3) ma għandhomx jeskludu l-jedd għal privattiva ta' xi sustanza jew kompożizzjoni, kompriża fl-arti prijuri, għall-użu f'xi metodu msemmi fl-artikolu 4(4) sakemm l-użu tagħha għal xi metodu msemmi fl-istess subartikolu (4) ma jkunx kompriż fl-arti prijuri.

**6.** Invenzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala li tinvolvi pass inventiv jekk, fil-konsiderazzjoni ta' arti prijuri kif imfissra fl-artikolu 5(2), ma jkunx ovvju għal persuna li jkollha sengħa fl-arti:

Iżda jekk l-arti prijuri tkun ukoll tinkludi xi wieħed mid-dokumenti msemmija fl-artikolu 5(3) ta' dan l-Att, dawn id-dokumenti ma għandhomx jitqiesu meta jiġi deċiż jekk kienx hemm pass inventiv.

Applikabbiltà industrijali.

**7.** Invenzjoni għandha titqies bħala waħda industrijalment applikabbli jekk din tista' tintgħamel jew tintuża f'xi xorta ta' industrija. Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu il-frażi "industrija" għandha tiftiehem fl-iktar sens wiesgħa tagħha u għandha mingħajr

preġudizzju għal dak hawn aktar qabel imsemmi tinkludi l-artiġġanat, l-agrikoltura u s-sajd.

Żvelar ta' l-invenzjoni.

**8.** Għall-għanijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att, l-iżvelar ta' l-invenzjoni ma għandux jitqies jekk dan ikun ġara mhux qabel is-sitt xhur li jiġu minnufih qabel il-preżentata ta' l-applikazzjoni għal privattiva u jekk dan kien dovut minħabba, jew b'konsegwenza ta' -

(*a*) abbuż evidenti fil-konfront ta' l-applikant jew il-predeċessur tiegħu, jew

(*b*) il-fatt li l-applikant jew il-predeċessur legali tiegħu jkun wera l-invenzjoni f'xi esibizzjoni internazzjonali sew uffiċjali sew rikonoxxuta uffiċjalment.

## TAQSIMA V
## JEDD TA' APPLIKAZZJONI GĦAL PRIVATTIVA U L-KSIB TAGĦHA U GĦAT-TISMIJA TA' INVENTUR

Jedd għal preżentata ta' applikazzjoni.

**9.** Kull persuna naturali jew enti legali tista' tippreżenta applikazzjoni għal privattiva sew waħidha jew solidalment ma' oħrajn.

Dritt għal privattiva.

**10.** (1) Id-dritt għal privattiva jappartjeni lill-inventur jew lis-suċċessur tiegħu fit-titlu. Inventuri solidali għandhom, kemm-il darba ma jaqblux xort'oħra, ikollhom drittijiet indaqs u meta l-applikazzjoni għal privattiva ssir minn żewġ persuni jew iktar solidalment, privattiva tista' tiġi konċessa lilhom solidalment.

(2) Meta żewġ applikazzjonijiet jew iktar ikunu ġew ippreżentati minn persuni differenti għar-rigward ta' l-istess invenzjoni u l-inventuri involuti jkunu għamlu l-invenzjoni indipendentement minn xulxin, id-dritt għal privattiva għal dik l-invenzjoni għandu jappartjeni lill-applikant li l-applikazzjoni tiegħu jkollha l-iktar data ta' preżentata kmieni jew, meta tiġi vantata prijorità, l-iktar data ta' prijorità li tiġi kmieni, kemm-il darba l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet ippubblikata.

(3) Għall-għan ta' proċedimenti quddiem Qorti, l-applikant għandu jitqies li jkollu jedd li jeżerċita d-dritt għal privattiva.

Invenzjoni li ssir b'esekuzzjoni ta' kummissjoni jew ta' kuntratt ta' impieg.

**11.** (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 10, meta invenzjoni ssir b'eżekuzzjoni ta' kummissjoni jew ta' kuntratt ta' impieg, id-dritt għal privattiva għal dik l-invenzjoni għandu jappartjeni, fin-nuqqas ta' provvedimenti kuntrattwali kuntrarji, lil min ikun ikkummissjona x-xogħol jew lill-prinċipal.

(2) L-impjegat ikollu dritt għal rimunerazzjoni ġusta fil-qjies tas-salarju tiegħu, l-valur ekonomiku ta' l-invenzjoni u kull benefiċċju li l-prinċipal jikseb mill-invenzjoni. Fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet, ir-rimunerazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Tismija ta' l-inventur.

**12.** L-inventur għandu jissemma bħala tali fil-privattiva, kemm-il darba huwa ma jindikax f'dikjarazzjoni speċjali bil-miktub li tiġi indirizzata lill-Kontrollur illi huwa jixtieq li ma jissemmiex.

## TAQSIMA VI
## APPLIKAZZJONIJIET

Htieġiet ta' applikazzjoni. *Emendat: IX. 2003.109.*

**13.** (1) Applikazzjoni għal privattiva għandha ssir fuq il-formula preskritta u għandha tiġi ppreżentata fl-Uffiċċju tal-Kontrollur u għandu jkun fiha -

(*a*) talba għall-konċessjoni ta' privattiva;

(*b*) deskrizzjoni ta' l-invenzjoni;

(*ċ*) talba waħda jew iktar;

(*d*) dawk id-disinji li jkun hemm imsemmija fid-deskrizzjoni jew fit-talbiet;

(*e*) astratt ta' l-invenzjoni.

(2) L-applikazzjoni għandha ssemmi min ikun l-inventur jew, meta jkun hemm iktar minn inventur wieħed, id-diversi inventuri li jkun hemm. Jekk l-applikant ma jkunx l-inventur, jew inkella ma jkunx l-inventur uniku, l-applikant għandu jindika r-raġunijiet legali għall-jedd li jvanta li jippreżenta l-applikazzjoni.

(3) L-applikazzjoni għandha tkun suġġetta għall-ħlas ta' dritt għall-preżentata hekk kif jista' jiġi preskritt.

(4) L-applikazzjoni trid tkun magħmula fl-ilsien preskritt u tissodisfa kull kundizzjoni li tista' tiġi preskritta.

Data tal-preżentata.

**14.** (1) Id-data tal-preżentatat ta' applikazzjoni għandha tkun id-data meta l-Uffiċċju tal-Kontrollur jirċievi d-dokumenti li jkun fihom -

(*a*) indikazzjoni espressa jew impliċita li tkun pretiża l-konċessjoni ta' privattiva;

(*b*) indikazzjonijiet li jkunu jippermettu li tiġi stabbilita l-identità ta' l-applikant;

(*ċ*) deskrizzjoni ta' l-invenzjoni li dwarha tkun qegħda ssir l-applikazzjoni għal privattiva.

(2) (*a*) Jekk f'dak iż-żmien li tasallu applikazzjoni, jirriżulta lill-Kontrollur li l-ħtiġiet imsemmija fis-subartikolu (1) ma jkunux twettqu, huwa għandu jistieden lill-applikant biex iħares kull ħtieġa li ma tkunx ġiet sodisfatta, f'dak il-perjodu li jista' jiġi preskritt.

(*b*) Jekk l-applikant jikkonforma ruħu ma' l-istedina msemmija fil-paragrafu (*a*), id-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni għandha tkun id-data ta' meta jiġu riċevuti l-ħtiġiet kollha li jkun għad jonqos. Jekk l-applikant jonqos milli jħares stedina bħal dik, l-applikazzjoni għandha tiġi ttrattata bħallikieku din ma tkunx ġiet ippreżentata.

(*ċ*) Meta d-deskrizzjoni tkun tirreferi għal disinji li ma jkunux inklużi fl-applikazzjoni, il-Kontrollur għandu jistieden lill-applikant sabiex jipprovdilu d-disinji li jkun għad jonqos f'dak il-perjodu li jistqa' jiġi preskritt. Jekk l-applikant ikun konformi ma' dik l-istedina, id-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni tkun

id-data meta huwa jirċievi d-disinji li jkun għad jonqos. Jekk l-applikant jonqos milli jkun konformi ma' l-istedina, id-data tal-preżentata tkun id-data meta huwa jirċievi l-applikazzjoni u kull riferenza għad-disinji għandha titqies bħallikieku din ma tkunx saret.

(3) (*a*) L-indikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (1)(*a*) u (*b*) għandhom jiġu ppreżentati f'dak l-ilsien u jew dawk l-ilsna li jistgħu jiġu preskritti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa bħala l-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju.

(*b*) Jekk xi waħda mid-deskrizzjoni msemmija fis-subartikolu (1)(*ċ*) jew xi kitba li tkun tinstab f'xi disinn tkun f'ilsien li ma jkunx wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju, għandha tiġi depożitata fl-Uffiċċju tal-Proprjetà Industrijali traduzzjoni ta' dan f'wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju f'dak it-terminu li jista' jiġi preskritt.

Żvelar ta' l-invenzjoni.
*Emendat: IX. 2003.110.*

**15.** (1) L-applikazzjoni għandha tiżvela l-invenzjoni b'mod li jkun biżżejjed ċar u komplet sabiex l-invenzjoni tkun tista' tinġieb fis-seħħ minn persuna li tkun tas-sengħa.

(2) (*a*) Meta applikazzjoni tkun tirreferi għal element iżolat mill-ġisem uman jew li jiġi xort'oħra prodott permezz ta' proċess tekniku inkluża s-sekwenza jew is-sekwenza parzjali ta' ġene, għandha tiġi żvelata l-applikazzjoni industrijali ta' sekwenza jew sekwenza parzjali ta' ġene fuq l-applikazzjoni għall-privattiva.

(*b*) Meta l-applikazzjoni tikkonċerna sekwenza jew sekwenzi parzjali ta' ġene li tintuża biex tiġi prodotta proteina jew parti minn proteina, għandha tiġi speċifikata liema proteina jew parti minn proteina hija prodotta jew inkella għandu jiġi speċifikat il-funzjoni tal-ġene jew sekwenza tal-ġene.

(3) Meta invenzjoni tkun tinvolvi l-użu jew tkun tirrigwarda xi materjal bijoloġiku mhux disponibbli għall-pubbliku li ma jkunux jistgħu jiġu deskritti fuq l-applikazzjoni għal privattiva hekk li dik l-invenzjoni tkun tista' tiġi riprodotta minn persuna li tkun tas-sengħa f'dik ix-xjenza, id-deskrizzjoni tkun meqjusa bħala mhux adegwata għall-għan ta' dan l-Att kemm-il darba:

(*a*) ma tkunx supplimentata billi dak il-materjal jiġi depożitat f'istituzzjoni depożitarja hekk kif jista' jiġi ordnat; u

(*b*) l-applikazzjoni ma jkunx fiha dik l-informazzjoni rilevanti li tkun disponibbli għall-applikant dwar il-karatteristiċi tal-materjal bijoloġiku depożitat.

(4) Għandu jingħata aċċess għall-materjal bijoloġiku depożitat permezz ta' l-għoti ta' kampjun:

(*a*) sa l-ewwel pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni għal privattiva, lil dawk il-persuni biss li jkunu awtorizzati taħt dan l-Att;

(*b*) bejn l-ewwel pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni u ta' l-

għoti tal-privattiva, lil kull min jitolbu, jew, jekk l-applikant hekk jitlob, biss lil espert indipendenti;

(*ċ*) wara li l-privattiva tkun ingħatat, u minkejja revoka jew tħassir tal-privattiva, lil kull min jitlobha.

(5) Il-kampjun jingħata biss jekk il-persuna li, tkun qegħda titolbu, tobbliga ruħha, li għaż-żmien li fih il-privattiva tkun fis-seħħ:

(*a*) ma tagħmilx dak il-materjal jew kull materjal li jinkiseb minnu disponibbli lil terzi; u

(*b*) ma tużax dak il-materjal jew materjal li jitnissel minnu ħlief għal għanijiet sperimentali, kemm-il darba l-applikant jew il-proprjetarju tal-privattiva, skond ma japplika, ma jwarrabx b'mod espress dan l-obbligu.

(6) Meta applikazzjoni tkun miċħuda jew tiġi irtirata, għaldaqshekk fuq talba ta' l-applikant, l-aċċess għall-materjal depożitat ikun limitat għal espert indipendenti għal għoxrin sena mid-data meta l-applikazzjoni għall-privattiva tkun ġiet ippreżentata, u f'dak il-każ, ikun japplika s-subartikolu (5).

(7) It-talbiet ta' l-applikant imsemmija fis-subartikolu (4)(*b*) u fis-subartikolu (6) jistgħu jsiru biss sad-data li fiha l-preparazzjonijiet tekniċi għall-publikazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-privattiva jitqiesu li jkunu ntemmu.

(8) Jekk il-materjal bijoloġiku depożitat skond dan l-artikolu ma jibqax disponibbli mill-istituzzjoni depożitarja rikonoxxuta, għandu jitħalla jsir depożitu ġdid tal-materjal skond l-istess pattijiet bħal dawk stipulati fit-Trattat ta' Budapest.

(9) Kull depożitu għandu jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni ffirmata mid-depożitant li tkun tiċċertifika li l-materjal bioloġiku depożitat mill-ġdid ikun l-istess bħal dak depożitat oriġinarjament.

Talbiet.

**16.** (1) It-talbiet għandhom jagħtu definizzjoni tal-materja li dwarha tkun qegħda tiġi pretiża l-protezzjoni permezz ta' privattiva.

(2) It-talbiet għandhom ikunu ċari u konċiżi.

(3) It-talbiet għandhom jissejsu fuq dik id-deskrizzjoni li tista' tkun meħtieġa jew li tista' tiġi preskritta.

(4) It-talbiet għandhom jiġu ppreżentati bil-mod preskritt.

Astratt.

**17.** L-astratt għandu sempliċement jingħata bil-għan ta' informazzjoni teknika; b'mod partikolari, ma għandux jitqies bil-għan li jinterpreta t-talbiet.

Unità ta' l-invenzjoni.

**18.** (1) Applikazzjoni għandha tkun tirrigwarda invenzjoni waħda biss jew grupp ta' invenzjonijiet li jkunu hekk konnessi li jiffurmaw kunċett inventiv ġenerali uniku.

(2) In-nuqqas ta' tħaris tal-ħtieġa tas-subartikolu (1) ma jkunx raġuni għall-invalidament jew għar-revoka ta' privattiva.

Qsim ta' applikazzjoni.

**19.** (1) Sakemm issir konċessjoni konformi ma' applikazzjoni pendenti, l-applikant jista' jaqsam applikazzjoni pendenti bħal dik

f'żewġ applikazzjonijiet jew iktar ("applikazzjoni diviżorja").

(2) Applikazzjoni diviżorja għandha titqies li tkun ġiet ippreżentata fid-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni li tkun saret l-aktar kmieni u jkollha l-benefiċċju ta' kull dritt għall-prijorità li jkun jappartjeni għal applikazzjoni li tkun saret aktar kmieni bħal dik sakemm il-kontenut tagħha ma jkunx imur oltre l-iżvelar fl-applikazzjoni li tkun saret aktar kmieni kif tkun ġiet ippreżentata.

(3) Dokumenti ta' prijorità u kull traduzzjoni tagħhom meħtieġa li jiġu ppreżentati fl-Uffiċċju tal-Kontrollur għar-rigward ta' l-applikazzjoni tal-bidu għandhom jitqiesu bħala li jkunu ġew ippreżentati għar-rigward ta' kull applikazzjoni diviżorja.

Emenda jew tiswija u rtirar ta' applikazzjonijiet.

**20.** (1) L-applikant ikollu d-dritt, suġġett għall-ħlas ta' dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu preskritti, li jemenda jew jikkoreġi l-applikazzjoni, b'inizjattiva tiegħu nnifsu, sal-waqt meta l-applikazzjoni tkun adatta għall-konċessjoni.

(2) Ebda emenda jew tiswija ta' l-applikazzjoni ma għandha tmur oltre dak li jkun ġie żvelat fl-applikazzjoni hekk kif tkun ġiet ippreżentata.

(3) L-applikant jista' jirtira l-applikazzjoni f'kull waqt li matulu tkun għadha pendenti.

Spezzjon ta' inkartamenti.

**21.** Wara applikazzjoni għal privattiva jew wara li l-privattiva konċessa dwarha tkun ġiet ippubblikata skond l-artikolu 25, kull persuna tista' tispezzjona kull inkartament ta' l-applikazzjoni skond dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti.

Dritt ta' prijorità.

**22.** (1) L-applikazzjoni jista' jkun fiha dikjarazzjoni li tivvanta prijorità b'mod konformi mal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali, ta' xi waħda jew iktar mill-applikazzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew internazzjonali li jiġu ppreżentati mill-applikant jew mill-predeċessur tiegħu fit-titlu fi jew għal xi parti Statali għal dik il-Konvenzjoni jew għall-World Trade Organisation jew għal xi Stat li Malta jkollha arranġament internazzjonali miegħu għall-protezzjoni reċiproka ta' l-invenzjonijiet.

(2) Meta l-applikazzjoni jkun fiha dikjarazzjoni taħt is-subartikolu (1), l-Uffiċċju tal-Kontrollur jista' jeħtieġ li l-applikant jipprovdi, f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt, kopja ta' l-applikazzjoni li tkun saret aktar kmieni, ċertifikata bħala korretta mill-Uffiċċju jew minn xi organizzazzjoni reġjonali jew internazzjonali li tkun ġiet ippreżentata quddiemha.

(3) L-effett tad-dikjarazzjoni imsemmija fis-subartikolu (1) għandu jkun hekk kif inhu pprovdut fil-Konvenzjoni msemmija f'dak is-subartikolu li b'mod konformi miegħu tkun saret id-dikjarazzjoni.

(4) Jekk il-Kontrollur jirriżultalu li l-ħtiġiet taħt dan l-artikolu u taħt kull regolamenti li jistgħu jiġu preskritti ma jkunux ġew imwettqa, huwa għandu jistieden lill-applikant jippreżenta t-tiswija meħtieġa f'dak il-perjodu li jista' jiġi preskritt. Jekk l-applikant ma jħarisx dik l-istedina, id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha titqies bħallikieku ma tkunx saret.

(5) Il-Ministru responsabbli għall-Uffiċċju tal-Proprjetà Industrijali jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Barranin, b'ordni jispeċifika l-pajjiżi li magħhom ikun hemm fis-seħħ xi ftehim internazzjonali bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1), u jista' b'ordnijiet sussegwenti jemenda, jirrevoka jew jissostitwixxi kull ordni bħal dak.

## TAQSIMA VII
## EŻAMI U KONĊESSJONI JEW ĊĦID

Eżami dwar il-formalitajiet.

**23.** (1) Meta tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għal privattiva u din ma tkunx ġiet irtirata, il-Kontrollur għandu jirreferi l-applikazzjoni lil uffiċjal fid-dipartiment tiegħu hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-eżaminatur" biex jistabbilixxi jekk l-applikazzjoni tkunx konformi ma' dawk il-ħtiġiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti magħmulin taħtu u li jkunu msemmija b'xi regolamenti li jistgħu jiġu preskritti bħala ħtiġiet formali u l-eżaminatur għandu jagħmel rapport dwarhom lill-Kontrollur.

(2) Jekk l-eżaminatur jirrapporta lill-Kontrollur li ma jkunux ġew imħarsa l-ħtiġiet kollha formali, l-applikant għandu jingħata opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq ir-rapport u li jsewwi l-applikazzjoni matul dak il-perjodu li jista' jiġi preskritt sabiex iħares dawk il-ħtiġiet, u jekk l-applikant jonqos milli jagħmel dawk l-emendi, l-Kontrollur jista' jiċħad l-applikazzjoni.

(3) Jekk l-eżaminatur jirrapporta lill-Kontrollur li l-applikazzjoni, sew kif oriġinalment ippreżentata jew kif emendata b'mod konformi mas-subartikolu (2) tkun tħares il-ħtiġiet formali kollha f'kull waqt qabel tmiem il-perjodu preskritt bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (2), il-Kontrollur għandu javża lill-applikant skond hekk.

Konċessjoni.

**24.** (1) Meta l-applikant ikun ġie avżat skond ma hemm fl-artikolu 23(3) li l-applikazzjoni tiegħu tkun konformi mal-ħtiġiet kollha formali, il-Kontrollur għandu malli jitħallas id-dritt preskritt, jikkonċedi privattiva fuq l-applikazzjoni.

(2) Kemm jista' jkun malajr wara d-deċiżjoni li tiġi konċessa privattiva, il-Kontrollur għandu jippubblika avviż li l-privattiva tkun ġiet konċessa u għandu jippubblika l-privattiva bil-mod preskritt.

Pubblikazzjoni ta' applikazzjonijiet jew ta' privattivi.

**25.** (1) (*a*)Bla ħsara għall-paragrafi (*b*) u (*ċ*) ta' dan l-artikolu, il-Kontrollur għandu, fit-terminu li hemm ipprovdut dwaru fis-subartikolu (2) u bil-mod preskritt, jippubblika kull applikazzjoni li tkun ġiet ippreżentata għandu.

(*b*) Ma għandha tiġi ppubblikata ebda applikazzjoni jekk din tiġi rtirata jew miċħuda qabel l-iskadenza ta' 17 il-xahar mid-data tal-preżentata jew, meta tiġi vantata prijorità, mid-data ta' prijorità ta' l-applikazzjoni.

(*ċ*) Jekk sa meta applikazzjoni tiġi ppubblikata skond il-paragrafu (2), privattiva tkun ġiet konċessa b'mod konformi ma' dik l-applikazzjoni, il-Kontrollur ma

għandux jippubblika l-applikazzjoni iżda għandu jippubblika l-privattiva bil-mod preskritt.

(2) Il-Kontrollur għandu jippubblika kull applikazzjoni li tkun ġiet ippreżentata għandu kemm jista' jkun malajr wara l-iskadenza ta' 18 il-xahar mid-data tal-preżentata jew, meta tintalab prijorità, mid-data ta' prijorità ta' l-applikazzjoni. Madankollu, meta, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' 18 il-xahar, l-applikant jippreżenta talba bil-miktub lill-Uffiċċju tal-Kontrollur biex l-applikazzjoni tiegħu tiġi ppubblikata, l-Uffiċċju tal-Kontrollur għandu jippubblika l-applikazzjoni kemm jista' jkun malajr wara li jkun irċeva t-talba.

## TAQSIMA VIII
## EFFETTI TA' APPLIKAZZJONI GĦAL PRIVATTIVA U TA' PRIVATTIVA

Terminu ta' privattiva u ta' drittijiet ta' manutenzjoni. *Emendat: IX. 2003.111; XVIII. 2005.2.*

**26.** (1) It-terminu ta' privattiva jkun ta' 20 sena mill-preżentata ta' l-applikazzjoni.

(2) Il-manutenzjoni ta' privattiva tkun bla ħsara għall-ħlas tad-dritt preskritt hawn isfel u msejjaħ id-dritt għall-manutenzjoni. Dak id-dritt għall-manutenzjoni jkun dovut għar-rigward tat-tielet sena u ta' kull sena li tiġi warajha li tibda għaddejja mid-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni u għandu jitħallas sa mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata tax-xahar tad-data dovuta ordnata.

(3) Meta ma jkunx tħallas dritt għall-manutenzjoni fid-data dovuta preskritta jew qabilha, dan xorta jista' validament jitħallas matul sitt xhur minn dik id-data, sakemm f'dak il-perjodu titħallas is-soprataxxa preskritta.

Xi drittijiet iġġib magħha privattiva. *Emendat: IX. 2003.112.*

**27.** (1) Meta privattiva tkun tirrigwarda xi prodott, il-proprjetarju tal-privattiva jkollu d-dritt li jipprevjeni lil terzi milli jwettqu, mingħajr ma jkollhom l-awtorizzazzjoni tiegħu, dawn l-attijiet li ġejjin:

(*a*) l-għemil ta' prodott li jkun jinkorpora s-suġġett tal-privattiva;

(*b*) l-offerta għall-bejgħ jew it-tqegħid fis-suq ta' prodott li jkun jinkorpora is-suġġett tal-privattiva, l-użu ta' dak il-prodott, jew l-importazzjoni jew il-ħażna ta' dak l-oġġett għal dik l-offerta jew dak it-tqegħid fis-suq jew għal dak l-użu;

(*ċ*) it-tħajjir ta' terzi li jwettqu xi wieħed mill-attijiet hawn aktar qabel imsemmija.

(2) Meta l-privattiva tkun tinvolvi xi proċess, il-proprjetarju tal-privattiva jkollu d-dritt li jipprevjeni lil terzi milli jwettqu, mingħajr ma jkollhom l-awtorizzazzjoni tiegħu, dawn l-attijiet li ġejjin:

(*a*) l-użu ta' xi proċess li jkun is-suġġett tal-privattiva;

(*b*) dwar kull prodott direttament miksub mill-użu tal-proċess, xi wieħed mill-attijiet imsemmija fis-subartikolu (1)(*b*), ukoll meta privattiva ma tkunx tista' tinkiseb għal dak il-prodott;

(*ċ*) it-tħajjir ta’ terzi li jwettqu xi wieħed mill-attijiet hawn aktar qabel imsemmija.

(3) Il-protezzjoni li tingħata permezz ta’ privattiva lil materjal bijoloġiku li jkollu karatteristiċi speċifiċi bħala riżultat ta’ l-invenzjoni għandha testendi għal kull materjal bijoloġiku li jinkiseb minn dak il-materjal bijoloġiku permezz tal-propagazzjoni jew it-tkattir f’forma identika jew diverġenti u li jkollu dawk l-istess karatteristiċi.

(4) Il-protezzjoni li tingħata permezz ta’ privattiva fuq proċess li bih materjal bijoloġiku ikun jista’ jiġi prodott bil-karatteristiċi speċifiċi tiegħu bħala riżultat ta’ l-invenzjoni, għandha testendi għal materjal bijoloġiku li jinkiseb direttament b’dak il-proċess u għal kull materjal bijoloġiku ieħor li jinkiseb mill-materjal bijoloġiku miksub direttament permezz tal-propagazzjoni jew it-tkattir f’forma identika jew diverġenti u b’dawk l-istess karatteristiċi.

(5) Ħlief kif provdut fl-artikolu 4(5)(*b*), il-protezzjoni li tingħata permezz ta’ privattiva fuq prodott li jkollu fih jew ikun magħmul minn informazzjoni ġenetika għandha tkun testendi għall-materjal kollu, li fih ikun inkorporat il-prodott u li fih ikollu l-informazzjoni ġenetika u jkun iwettaq il-funzjoni tiegħu.

(6) Minkejja is-subartikoli (1) u (2), il-proprjetarju ta’ privattiva ma għandu jkollu ebda dritt li jipprevjeni lil terzi milli jwettqu l-attijiet imsemmija fis-subartikoli (1) u (2)(*b*) f’dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) meta l-att isir privatament u għal għanijiet mhux kummerċjali, sakemm dak l-att ma jkunx jippreġudika b’mod sinifikattiv l-interessi ekonomiċi tal-proprjetarju tal-privattiva;

(*b*) meta l-att ikun jikkonsisti fl-għemil jew fl-użu ta’ dak il-prodott għal għanijiet purament sperimentali jew għal riċerka xjentifika;

(*ċ*) meta l-att ikun jikkonsisti fit-tħejjija improvviżata għal każijiet individwali, ġo xi spiżerija jew minn tabib jew veterinarju, ta’ xi mediċina skond riċetta medika jew ta’ atti li jkunu jirrigwardjaw il-mediċina hekk imħejjija;

(*d*) meta l-att isir unikament għal użijiet raġonevolment relatati ma’ l-iżvilupp u l-għoti ta’ informazzjoni meħtieġa taħt xi liġi ta’ Malta jew ta’ xi stat ieħor li mhux Malta li tirregola l-manifattura, il-kostruzzjoni, l-użu jew il-bejgħ ta’ prodotti mediċinali jew fitofarmaċewtiċi;

(*e*) meta l-użu jkun abbord bastimenti tal-pajjiżi ta’ l-Unjoni ta’ Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali ta’ l-invenzjoni li jkollha privattiva, fil-buq tal-bastiment, fil-makkinarju, fil-ħbula, tagħmir u aċċessorji oħra, meta dawk il-bastimenti jidħlu fl-ibħra ta’ Malta temporanjament jew aċċidentalment, sakemm dik l-invenzjoni hekk tintuża esklużivament

għall-bżonnijiet tal-bastiment;

(*f*) meta l-użu ta' l-invenzjoni li jkollha privattiva jkun fil-kostruzzjoni jew fit-tħaddim ta' l-inġenji ta' l-ajru jew f'vetturi ta' l-art ta' pajjiżi ta' l-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali jew ta' aċċessorji għal dawk l-inġenji ta' l-ajru jew vetturi ta' l-art, meta dawk l-inġenji ta' l-ajru jew vetturi temporanjament jew aċċidentalment jidħlu fit-territorju ta' Malta.

(7) B'deroga mis-subartikoli (3), (4) u (5):

(*a*) il-bejgħ jew xi forma oħra ta' kummerċjalizzazzjoni tal-materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti lil bidwi mis-sid tal-privattiva jew bil-kunsens tiegħu għall-użu agrikolu jimplika l-awtorizzazzjoni li bidwi jkollu li juża l-prodott tal-ħsad tiegħu għal propagazzjoni jew tkattir minnu fir-razzett tiegħu stess;

(*b*) il-bejgħ jew xi forma oħra ta' kummerċjalizzazzjoni ta' bhejjem għat-trobbija jew xi materjal riproduttiv ieħor ta' l-annimali lil xi bidwi mis-sid tal-privattiva jew bil-kunsens tiegħu, jimplika awtorizzazzjoni li l-bidwi jkun jista' juża l-bhejjem protetti għal għan agrikolu. Dak l-użu jinkludi li l-annimal jew materjal riproduttiv ieħor ta' l-annimali jkunu disponibbli għall-għanijiet li titkompla l-attività agrikola tiegħu imma mhux għall-bejgħ fil-parametri jew għall-fini ta' attività riproduttiva kummerċjali.

(8) (*a*) Bla ħsara għall-paragrafu (*b*), privattiva għandha tagħti wkoll lill-proprjetarju tagħha d-dritt li jżomm terzi milli jagħtu jew joffru lil xi persuna, li ma tkunx dik intitolata li tesplojta l-invenzjoni li jkollha privattiva, b'mezzi, li jkollhom x'jaqsmu ma' element ta' dik l-invenzjoni, essenzjali biex isseħħ l-invenzjoni, meta t-terza parti tkun taf, jew għandha fiċ-ċirkostanzi tkun taf, li dawk il-mezzi huma tajbin u maħsubin biex isseħħ dik l- invenzjoni. Id-disposizzjoni ta' dan il-paragrafu ma għandhiex tapplika meta dawk il-mezzi huma prodotti kummerċjali ta' ħtieġa ewlenija u ċ-ċirkostanzi tal-forniment ta' dawk il-prodotti ma jikkostitwux tħajjir għall-ksur tal-privattiva.

(*b*) Persuni li jwettqu xi atti msemmija fis-subartikolu (6)(*a*), (*b*), (*ċ*), (*d*), (*e*), (*f*) u (*g*) m'għandhomx ikunu meqjusa bħala partijiet li jkollhom dritt li jesplojtaw l-invenzjoni skond it-tifsira tal-paragrafu ta' qabel dan.

(9) (*a*) Il-proprjetarju ta' privattiva m'għandu jkollu ebda dritt li jipprevjeni lil terzi milli jwettqu l-attijiet imsemmija fis-subartikolu (1)(*b*) u (2)(*b*) meta l-att ikun jirrigwarda l-prodott li jkun tqiegħed fis-suq mill-proprjetarju ta' privattiva, jew bil-kunsens espress tiegħu sakemm dak l-att jitwettaq wara li dak il-prodott ikun tqiegħed fis-suq.

(*b*) Il-protezzjoni msemmija fis-subartikoli (3), (4) u (5)

ma għandhiex tkun testendi għal materjal bijoloġiku li jinkiseb mill-propagazzjoni jew mit-tkattir ta' materjal bijoloġiku mqiegħed fis-suq mid-detentur ta' privattiva bil-kunsens tiegħu meta t-tkattir jew il-propagazzjoni neċessarjament jirriżultaw mill-applikazzjoni li għaliha l-materjal bijoloġiku jkun ġie mqiegħed fis-suq:

Iżda l-materjal miksub ma jiġix aktar tard użat għal propagazzjoni oħra jew tkattir ieħor.

(*ċ*) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "suq" tfisser is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004, l-Unjoni Ewropea.

(10) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jagħti effett għal kull ftehim, jew obbligi internazzjonali ta' Malta fir-rigward tad-drittijiet u limitazzjonijiet li joħorġu minn dan l-artikolu biex jirriflettu d-disposizzjonijiet ta' kull ftehim jew obbligu bħal dan.

Drittijiet mogħtijin b'applikazzjon għal privattiva wara pubblikazzjoni.

**28.** (1) Applikazzjoni għal privattiva għandha, meta din tkun pubblikata taħt l-artikolu 25, tagħti provviżorjament lill-applikant mid-data ta' dik il-pubblikazzjoni l-istess drittijiet għar-rigward tas-suġġett ta' l-applikazzjoni bħalma jiġu mogħtija bl-artikolu 27 għar-rigward tas-suġġett ta' privattiva.

(2) Applikazzjoni għal privattiva għandha titqies bħala li qatt ma kellha l-effetti imsemmija fis-subartikolu (1) jekk din tiġi rtirata, jew titqies bħala li tiġi rtirata jew tiġi finalment miċħuda.

L-utent prijuri.

**29**. (1) Privattiva ma għandu jkollha ebda seħħ kontra persuna li bonafidi, għall-għanijiet ta' l-impriża jew in-negozju tagħha, qabel id-data tal-preżentatata, jew, meta tiġi vantata prijorità, qabel id-data ta' prijorità ta' l-applikazzjoni li dwarha tiġi konċessa l-privattiva, u f'Malta kienet qegħda tuża l-invenzjoni jew kienet qegħda tagħmel tħejjijiet effettivi u serji għal dak l-użu. Kull persuna bħal dik għandu jkollha d-dritt, għall-għanijiet ta' l-impriża jew tan-negozju tagħha, li tkompli b'dak l-użu jew li tuża l-invenzjoni kif prevista f'dawk it-tħejjijiet.

(2) Id-dritt ta' l-utent prijuri jista' jkun biss trasferit jew jista' biss jiddevolvi flimkien ma' l-impriża jew in-negozju tiegħu, jew ma' dik il-parti ta' l-impriża jew negozju tiegħu li fiha jkunu saru l-użu jew it-tħejjijiet għall-użu.

Sa fejn hemm protezzjoni.

**30.** (1) L-estensjoni tal-protezzjoni mogħtija bil-privattiva għandha tiġi stabbilita bit-talbiet, li għandhom jiġu interpretati fid-dawl tad-deskrizzjoni u d-disinji sabiex jikkombinaw protezzjoni ġusta għall-proprjetarju tal-privattiva ma' grad raġonevoli ta' ċertezza għal terzi.

(2) Għall-għanijiet li jiġi stabbilit sa fejn hemm protezzjoni u skond dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti, għandu jittieħed qies xieraq ta' elementi li fil-waqt ta' xi kontravvenzjoni allegata jkunu ekwivalenti għall-elementi kif espressi fit-talbiet.

(3) Għall-perjodu sal-konċessjoni tal-privattiva, l-estensjoni tal-protezzjoni mogħtija b'applikazzjoni għal privattiva għandha tiġi stabbilita bit-talbiet ippreżentati l-aħħar li jkunu jinsabu fil-

pubblikazzjoni taħt l-artikolu 25. Madankollu, il-privattiva kif konċessa jew kif emendata fi proċedimenti ta' invalidament għandha tistabbilixxi retroattivament il-protezzjoni mogħtija bl-applikazzjoni għall-privattiva, sakemm dik il-protezzjoni ma tkunx estiża biha nnifisha.

(4) Fid-deċiżjoni sa fejn hemm protezzjoni, għandha titqies sew kull dikjarazzjoni li b'mod mhux ambigwu tkun tillimita l-iskop tat-talbiet li jsiru mill-applikant jew mill-proprjetarju tal-privattiva matul proċeduri li jirrigwardaw il-konċessjoni jew il-validità tal-privattiva.

(5) Jekk il-privattiva jkun fiha eżempji tal-inkorporament ta' l-invenzjoni jew eżempji tal-funzjonijiet jew tar-riżultati ta' l-invenzjoni, it-talbiet ma għandhomx jiġu interpretati bħala li huma limitati għal dawk l-eżempji.

## TAQSIMA IX
## ASSENJAMENT TA' PRIVATTIVI

Bdil ta' proprjetarju f'każ ta' applikazzjonijiet għal privattiva jew ta' privattivi.

**31.** (1) Kuntratt li jkun jassenja applikazzjoni għal privattiva jew privattiva għandu jsir, u fin-nuqqas ikun null, bil-miktub u għandu jkun iffirmat mill-partijiet fil-kuntratt.

(2) Kull bidla tal-proprjetarju ta' applikazzjoni għal privattiva jew ta' privattiva għandha tiġi reġistrata fir-reġistru tal-privattivi malli jsir il-ħlas tad-dritt preskritt. Il-proprjetarju l-ġdid ta' l-applikazzjoni jew tal-privattiva għandu jkollu jedd jibda kull proċedimenti legali li jkunu jirrigwardaw il-privattiva biss jekk huwa jkun ġie reġistrat fir-reġistru tal-privattivi bħala l-proprjetarju l-ġdid.

(3) It-trasferiment jew l-assenjament ta' applikazzjoni għal privattiva jew ta' privattiva ma għandux jolqot id-drittijiet legali li jinkisbu minn terzi qabel id-data ta' trasferiment jew assenjament bħal dak u għandu jkollu effett għar-rigward ta' terzi biss wara li jsir dak it-tniżżil relattiv fir-reġistru tal-privattivi, sakemm dawk it-terzi ma jkunux kisbu d-drittijiet wara d-data tat-trasferiment jew assenjament iżda qabel dak it-tniżżil fir-reġistru kienu jafu bit-trasferiment jew assenjament fid-data meta dawk id-drittijiet ġew miksuba:

Iżda meta jkun hemm assenjament ġudizzjarju ta' privattiva b'ordni tal-Qorti taħt l-artikolu 32 il-liċenzi kollha u drittijiet oħra għandhom jiskadu mar-reġistrazzjoni tal-persuna li jkollha jedd għall-privattiva fir-reġistru tal-privattivi ħlief meta l-proprjetarju ta' qabel tal-privattiva jew id-detentur ta' liċenza tiegħu, qabel ma jinbdew il-proċedimenti legali, li jkun qed jaġixxi b'bonafidi, uża l-invenzjoni jew għamel tħejjijiet effettivi u serji biex jagħmel dan, f'liema każ il-proprjetarju ta' qabel tal-privattiva jew id-detentur tal-liċenza tiegħu jista' jkompli juża l-invenzjoni sakemm huwa jitlob fiż-żmien preskritt liċenza non-esklużiva tal-privattiva mingħand il-proprjetarju l-ġdid li jkollu ismu mdaħħal fir-reġistru tal-privattivi.

Il-liċenza mhux esklużiva msemmija qabel għandha tingħata għal żmien raġonevoli u b'pattijiet raġonevoli.

Assenjament ġudizzjarju ta' applikazzjoni ta' privattiva jew ta' privattiva.

**32.** Jekk applikazzjoni għal privattiva tiġi ppreżentata jew tingħata privattiva lil persuna li ma jkollhiex jedd għall-privattiva taħt l-artikolu 10 jew 11, il-persuna li jkollha jedd għaliha tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fi żmien sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dik l-applikazzjoni jew privattiva biex tordna l-assenjament lilha ta' l-applikazzjoni għall-privattiva jew tal-privattiva:

Iżda jekk il-persuna li ma jkollhiex jedd għal privattiva kienet taf fil-waqt li ġiet ippreżentata jew konċessa lilha l-applikazzjoni għall-privattiva li hija ma kellhiex jedd għall-privattiva, dak il-perjodu ta' limitazzjoni ma għandux ikun japplika fir-rigward tiegħu.

Proprjetarji solidali ta' applikazzjoni għal privattiva jew ta' privattiva.

**33.** (1) Meta jkun hemm applikanti solidali ta' applikazzjoni ta' privattiva, kull wieħed minnhom jista' bi ftehim ma' l-oħrajn jew mingħajru jassenja separatament jew jittrasferixxi permezz ta' suċċessjoni s-sehem tiegħu ta' l-applikazzjoni, iżda l-applikanti solidali jistgħu biss jaġixxu solidalment sabiex jirtiraw l-applikazzjoni jew jikkonkludu l-kuntratti ta' liċenza ma' terzi skond l-applikazzjoni.

(2) Meta jkun hemm proprjetarji solidali ta' privattiva, kull wieħed minnhom jista' bi ftehim ma' l-oħrajn jew mingħajru jassenja separatament jew jittrasferixxi permezz ta' suċċessjoni s-sehem tiegħu tal-privattiva jew inkella jistitwixxi proċedimenti fil-Qorti għal kontravvenzjoni tal-privattiva, iżda s-sidien solidali jistgħu biss jaġixxu solidalment biex iċedu l-privattiva jew jikkonkludu kuntratti ta' liċenza ma' terzi skond il-privattiva.

(3) Il-provvedimenti ta' dan l-artikolu għandhom ikunu applikabbli biss fin-nuqqas ta' ftehim għall-kuntrarju bejn l-applikanti jew is-sidien solidali.

Reġistru tal-privattivi.

**34.** (1) Il-Kontrollur għandu jara li jkun hemm reġistru tal-privattivi li fih għandhom jiġu reġistrati applikazzjonijiet għal privattivi u privattivi konċessi.

(2) Ir-reġistru tal-privattivi għandu jinkludi dawk il-ħwejjeġ li jikkostitwixxu jew jirrigwardaw l-applikazzjoni għall-privattiva jew għall-privattiva kif jistgħu jiġu preskritti kif ukoll kull tniżżil ta' tiswijiet, emendi, bdil fi proprjetà jew kull ħaġa oħra li huwa jkollu setgħa jew meħtieġ jirreġistra b'dan jew taħt dan l-Att. Ma għandha jsir ebda tniżżil fir-reġistru qabel il-pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni.

(3) Ir-reġistru tal-privattivi għandu jkun prova *prima faċie* ta' kull ħaġa ordnata jew awtorizzata b'din il-liġi jew taħta biex hemm tiddaħħal.

(4) Ir-reġistru tal-privattivi għandu, bla ħsara għal dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti, jkun miftuħ għall-ispezzjon pubbliku.

## TAQSIMA X
## LIĊENZI KUNTRATTWALI U LIĊENZI GĦAD-DRITT

**35.** (1) Applikazzjoni għal privattiva jew privattiva tista' tingħata liċenza għar-rigward ta' Malta kollha jew parti minnha. Liċenza tista' tkun esklużiva jew mhux esklużiva. Kuntratt ta' liċenza.

(2) Kuntratt ta' liċenza għandu, u fin-nuqqas ikun null, isir bil-miktub u għandu jkun iffirmat mill-partijiet fil-kuntratt. Għall-għanijiet ta' din il-liġi, "kuntratt ta' liċenza" tfisser kull kuntratt li permezz tiegħu parti ("il-konċedent tal-liċenza") tħalli lill-parti l-oħra ("id-detentur tal-liċenza") twettaq xi wieħed mill-attijiet imsemmija fl-artikolu 27 għar-rigward ta' invenzjoni vantata fi privattiva jew f'applikazzjoni għal privattiva.

(3) Liċenza tista' tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-privattivi malli jsir il-ħlas tad-dritt preskritt. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 31 għandu jkun japplika *mutatis mutandis* għall-konċessjoni jew għat-trasferiment ta' liċenza.

**36.** (1) Fin-nuqqas ta' xi provvediment għall-kuntrarju fil-kuntratt tal-liċenza, il-ftehim bejn il-konċedent tal-liċenza lid-detentur tal-liċenza għandu jkun jestendi għat-twettiq għar-rigward ta' l-invenzjoni ta' l-attijiet kollha msemmija fl-artikolu 27 mingħajr ebda limitazzjoni dwar iż-żmien, fit-territorju kollu ta' Malta, u b'kull applikazzjoni ta' l-invenzjoni. Drittijiet tad-detentur tal-liċenza.

(2) Fin-nuqqas ta' xi provvedimenti għall-kuntrarju fil-kuntratt tal-liċenza, id-detentur tal-liċenza jista' ma jippermettix lil terzi jwettqu għar-rigward ta' l-invenzjoni xi wieħed mill-attijiet imsemmija fl-artikolu 27.

**37.** (1) Fin-nuqqas ta' xi provvediment għall-kuntrarju fil-kuntratt tal-liċenza, il-konċedent tal-liċenza jista' jippermetti lil terzi jwettqu għar-rigward ta' l-invenzjoni xi wieħed mill-attijiet imsemmija fl-artikolu 27 u ma għandhomx jiġu mċaħħda milli jwettquhom huma nfushom. Drittijiet tal-konċedent tal-liċenza.

(2) Jekk il-kuntratt tal-liċenza jkun jipprovdi li l-liċenza tkun waħda esklużiva, u kemm-il darba ma jiġix espressament provdut xort'oħra fil-kuntratt tal-liċenza, il-konċedent tal-liċenza jista' la jippermetti lil terzi li jwettqu lanqas iwettaq hu nnifsu għar-rigward ta' l-invenzjoni xi wieħed mill-attijiet imsemmija fl-artikolu 27 li huma koperti bl-imsemmi kuntratt.

**38.** (1) Meta l-proprjetarju ta' privattiva jippreżenta dikjarazzjoni bil-miktub fl-Uffiċċju tal-Kontrollur li huwa jkun imħejji jippermetti lil kull persuna li tuża l-invenzjoni bħala detentur ta' liċenza wara li jingħata kumpens xieraq, id-drittijiet ta' manutenzjoni li jkunu dovuti wara li tiġi riċevuta l-istqarrija għandhom jiġu mnaqqsa hekk kif jista' jiġi preskritt permezz ta' regolamenti. Liċenzi għad-dritt.

(2) Jekk ħadd ma jkun għarraf lill-proprjetarju tal-privattiva bl-intenzjoni tiegħu li juża l-invenzjoni, id-dikjarazzjoni tista' tiġi rtirata f'kull żmien malli jingħata avviż bil-miktub f'dan is-sens lill-Uffiċċju tal-Kontrollur:

Iżda, id-dikjarazzjoni titqies li tkun ġiet irtirata meta wara assenjament ġudizzjarju ta' privattiva b'ordni tal-Qorti taħt l-artikolu 32 isem il-persuna li jkollha jedd għall-privattiva jiddaħħal fir-reġistru tal-privattivi.

(3) Id-dikjarazzjoni tista' ma tiġix ippreżentata sakemm ma tiġix reġistrata liċenza esklużiva fir-reġistru tal-privattivi.

(4) Fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni, kulħadd ikollu jedd juża l-invenzjoni bħala konċedent ta' liċenza taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu b'regolamenti jiġu stipulati. Kull liċenza hekk miksuba għandha tiġi trattata bħala liċenza kuntrattwali.

(5) Ebda talba għar-reġistrar ta' liċenza esklużiva ma għandha tkun ammissibbli wara li tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni, kemm-il darba dik id-dikjarazzjoni ma tkunx ġiet irtirata jew titqies li tkun ġiet irtirata.

## TAQSIMA XI
## LIĊENZI MHUX VOLONTARJI U ESPLOJTAZZJONI GOVERNATTIVA

Liċenzi mhux volontarji.
*Emendat: IX. 2003.113.*

**39.** (1) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista', meta ssirilha ċitazzjoni minn persuna li ġġib prova dwar il-kapaċità tagħha li taħdem l-invenzjoni li jkollha privattiva f'Malta, li ssir wara l-iskadenza ta' perjodu ta' erba' snin mid-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni għall-privattiva jew tliet snin mill-konċessjoni tal-privattiva, skond liema tiġi l-aktar tard, tordna lill-Kontrollur jikkonċedi liċenza mhux esklużiva u mhux volontarja jekk l-invenzjoni li jkollha privattiva ma tinħadimx jew tinħadem b'mod mhux suffiċjenti f'Malta.

(2) Il-konċessjoni ta' liċenza mhux volontarja għandha tkun suġġetta għall-ħlas ta' dik ir-rimunerazzjoni ġusta lill-proprjetarju tal-privattiva hekk kif tista' tiġi stabbilita mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u tista' tiġi permessa jekk, qabel ma ġew istitwiti l-imsemmija proċeduri, l-utent propost jkun għamel sforzi biex jikseb l-awtorizzazzjoni mingħand id-detentur tad-dritt b'pattijiet u kondizzjonijiet kummerċjali raġonevoli u jekk dawk l-isforzi ma jkollhomx suċċess f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

(3) Minkejja s-subartikolu (1), liċenza mhux volontarja ma għandhiex tingħata jekk il-Qorti tkun konvinta li jkun hemm ċirkostanzi li jkunu jiġġustifikaw il-għaliex invenzjoni li jkollha privattiva f'Malta ma tkun titħaddem xejn jew tkun titħaddem b'mod mhux suffiċjenti.

(4) Meta jkun qed jiġi deċiż jekk għandhiex tingħata liċenza mhux volontarja, il-Qorti għandha tagħti sew lill-proprjetarju tal-privattiva u lill-persuna li tkun qegħda titlob il-liċenza mhux volontarja opportunità adegwata biex tippreżenta l-argumenti tagħha skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(5) Kull liċenza mhux volontarja għandha tiġi revokata meta ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-konċessjoni tagħha ma jibqgħux jeżistu, wara li jitqiesu l-interessi leġittimi tal-proprjetarju tal-privattiva u tad-detentur tal-liċenza. Meta dawn iċ-ċirkostanzi jibqgħu jeżistu,

dawn għandhom jiġu riveduti fuq talba tal-proprjetarju tal-privattiva b'ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

(6) Il-paragrafu (*a*) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 27 ta' dan l-Att għandu jiġi interpretat fis-sens li jekk il-prodott li jkollu privattiva jitqiegħed fis-suq minn detentur ta' liċenza skond u b'mod konformi ma' liċenza mhux volontarja, dan ma għandux jitqies bħala li jkun hekk tqiegħed fis-suq bil-kunsens espress tal-proprjetarju tal-privattiva.

(7) L-iskop u ż-żmien ta' liċenza mhux volontarja għandu jkun limitat għall-iskop li għalih jkun ġie mogħti u għandu jkun:

(*a*) mhux esklużiv,

(*b*) mhux assenjabbli, ħlief ma' dik il-parti ta' l-impriża jew avvjament li jkollha dik l-awtorizzazzjoni,

(*ċ*) mitmuma jekk u meta ċ-ċirkotanzi li wasslu għaliha ma jibqgħux iseħħu, u

(*d*) predominantement għall-provvista tas-suq lokali.

(8) Il-Qorti Ċivili, Prim Awla, tista' f'ċitazzjoni ppreżentata mis-sid tal-privattiva (it-tieni privattiva) li ma tistax tiġi esplojtata mingħajr ksur tal-privattiva prijuri (l-ewwel privattiva), tordna lill-Kontrollur jikkonċedi liċenza mhux esklużiva u mhux volontarja sakemm:

(i) l-invenzjoni pretiża fit-tieni privattiva tkun tinvolvi avvanz tekniku importanti b'sinifikat ekonomiku konsiderevoli fil-konfront ta' l-invenzjoni pretiża fl-ewwel privattiva;

(ii) is-sid ta' l-ewwel privattiva għandu jkun intitolat għal liċenza trasversali b'pattijiet raġonevoli biex juża l-invenzjoni pretiża fit-tieni privattiva; u

(iii) l-użu awtorizzat għar-rigward ta' l-ewwel privattiva m'għandux ikun assenjabbli jekk mhux flimkien ma' l-assenjament tat-tieni privattiva.

(9) Meta min irabbi ma jkunx jista' jikseb protezzjoni ta' varjetà ta'pjanta jew jesplojta dritt ta' varjetà ta'pjanta bla ma jikser privattiva prijuri, huwa jista' japplika lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla għal liċenza obbligatorja għal użu mhux esklużiv ta' l-invenzjoni protetta mill-privattiva daqs kemm tkun meħtieġa l-liċenza għall-esplojtazzjoni tal-varjetà ta' pjanta li għandha tiġi protetta, bla ħsara għall-ħlas ta' *royalty* adatta. Meta tingħata liċenza bħal dik, is-sid tal-privattiva jkun intitolat għal liċenza trasversali b'dawk il-pattijiet raġonevoli biex juża l-varjetà protetta:

Iżda applikant għal liċenza msemmija hawn fuq għandu juri:

(*a*) li hu jkun applika bla suċċess għand is-sid ta' l-ewwel privattiva biex jikseb liċenza kuntrattwali;

(*b*) il-varjetà tal-pjanta tikkostitwixxi progress tekniku sinjifikanti ta' interess ekonomiku konsiderevoli

mqabbel ma' l-invenzjoni pretiża mal-privattiva oriġinali.

(10) Meta sid il-privattiva li tkun tirrigwarda invenzjoni bioteknoloġika ma jkunx jista' jesplojtaha bla ma jikser dritt prijuri ta' varjetà ta'pjanta, jista' japplika għal liċenza obligatorja għal użu esklużiv tal-varjetà ta'pjanta protetta b'dak id-dritt, bla ħsara ta' ħlas ta' *royalty* adatt. Meta tingħata liċenza bħal dik, sid id-dritt tal-varjetà ikollu dritt għal liċenza trasversali b'pattijiet ragonevoli biex juża l-invenzjoni protetta:

Iżda applikant għal liċenza msemmija hawn fuq għandu juri -

(*a*) li hu jkun applika bla suċċess għand is-sid ta' l-ewwel privattiva għad-dritt tal-varjetà ta'pjanta biex jikseb liċenza kuntrattwali;

(*b*) l-invenzjoni tikkostitwixxu progress tekniku sinjifikanti ta' interess ekonomiku konsiderevoli mqabbel mal-varjetà tal-pjanta protetta bil-privattiva oriġinali.

(11) Għar-rigward ta' protezzjoni ta' varjetà ta' pjanta, is-subartikoli (9) u (10) għandhom biss jiġu fis-seħħ meta l-forma rilevanti ta' protezzjoni ta' varjetà ta' pjanta tiġi fis-seħħ kif provdut fl-artikolu 4(5)(*e*).

Esplojtazzjoni mill-Gvern jew minn terzi awtorizzati mill-Gvern.

**40.** (1) Meta s-sigurtà nazzjonali jew is-sigurezza pubblika jkunu hekk jeħtieġu, il-Ministru jista' jawtorizza, ukoll mingħajr ma jkollu l-ftehim tal-proprjetarju tal-privattiva jew ta' l-applikazzjoni tal-privattiva, b'avviż li jiġi ppubblikat fil-forma preskritta, lil xi aġenzija tal-Gvern jew persuna li tissemma' f'dak l-avviż biex tagħmel, tuża jew tbiegħ invenzjoni li dwarha tkun tirrigwarda privattiva jew applikazzjoni għal privattiva, kif suġġetta għall-ħlas ta' rimunerazzjoni ġusta lill-proprjetarju tal-privattiva jew tal-applikazzjoni għall-privattiva.

(2) Il-kondizzjonijiet li hemm fl-artikolu 39(7) u (8) għandhom ikunu wkoll japplikaw għar-rigward ta' awtorizzazzjoni maħruġa mill-Ministru taħt dan l-artikolu.

(3) Kull deċiżjoni li l-Ministri jieħu taħt dan l-artikolu tista' tkun is-suġġett ta' appell f'azzjoni li ssir b'ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

## TAQSIMA XII
## EMENDI, ĊESSJONI U INVALIDAMENT

Bdil fil-privattivi.

**41.** (1) Il-proprjetarju ta' privattiva għandu, skond dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti, jkollu d-dritt jitlob lill-Kontrollur li jagħmel kull tibdil fil-privattiva biex jordna l-limitu sa fejn tkun ingħatat il-protezzjoni minnu.

(2) Il-proprjetarju ta' privattiva għandu jkollu d-dritt jitlob lill-Kontrollur li jagħmel kull tibdil fil-privattiva biex isewwi kull żball jew żbalji klerikali, li jsiru bonafidi.

(3) Ebda bidla bħal dik fil-privattiva ma għandha tmur 'l hinn minn dak li jkun ġie żvelat fl-applikazzjoni kif din tkun ġiet

ippreżentata.

(4) Meta l-Kontrollur jagħmel xi tibdiliet fi privattiva huwa għandu jippubblika dawk it-tibdiliet u sa fejn dawn ikunu jaslu u għandu jirreġistrhom fir-reġistru tal-privattivi.

Ċessjoni.

**42.** (1) Il-proprjetarju ta' privattiva jista' jċedi l-privattiva kollha kemm hi b'dikjarazzjoni bil-miktub li tiġi ppreżentata fl-Uffiċċju tal-Kontrollur. Dik iċ-ċessjoni ma għandux ikollha effett sakemm tidaħħal fir-reġistru tal-privattivi.

(2) Ċessjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru tal-privattivi biss bi ftehim ta' terzi li jkollhom dritt in rem reġistrat fir-reġistru jew li jkunu bdew proċedimenti taħt l-artikolu 32. Jekk liċenza tiġi reġistrata fir-reġistru dik iċ-ċessjoni tiddaħħal biss jekk il-proprjetarju tal-privattiva jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kontrollur li huwa jkun qabel għarraf lid-detentur tal-liċenza bl-intenzjoni tiegħu li jċedi.

Skadenza.

**43.** (1) Privattiva tiskadi -

(*a*) fi tmiem iż-żmien stabbilit fl-artikolu 26;

(*b*) jekk il-proprjetarju tal-privattiva jċediha, fid-data meta jkollha effett iċ-ċessjoni;

(*ċ*) jekk ma jkunux tħallsu fiż-żmien dovut xi dritt ta' manutenzjoni u kull soprataxxa, fid-data meta kien dovut id-dritt għall-manutenzjoni;

(*d*) jekk ikun ġie limitat sa fejn il-protezzjoni għandha tasal taħt l-artikolu 41, sal-limitu li l-privattiva ma jkollhiex manutenzjoni, fid-data meta l-limitazzjoni tiddaħħal fir-reġistru tal-privattivi.

(2) L-Uffiċċju tal-Kontrollur għandu jirreġistra kull skadenza tal-privattiva fir-reġistru tal-privattivi.

Invalidiment ta' privattivi.

**44.** (1) Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tista' permezz ta' ċitazzjoni fuq talba ta' terzi jew tal-Kontrollur, tinvalida privattiva, kollha kemm hi jew parti minnha, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin u ma tista' tagħmel hekk għal ebda raġuni oħra -

(*a*) li s-suġġett tal-privattiva ma jkollux jedd għal privattiva skond ma jinsab fl-artikoli 4 sa 7;

(*b*) li l-privattiva ma tkunx tiżvela l-invenzjoni b'mod suffiċjentement ċar u sħiħ sabiex tkun tista' titwettaq minn persuna tas-sengħa kif stipulat fl-artikolu 15;

(*ċ*) li d-dritt għall-privattiva ma jkunx jappartjeni lill-persuna li tkun ingħatatilha l-privattiva skond ma jinsab fl-artikoli 10 u 11;

(*d*) li s-suġġett tal-privattiva jkun jestendi 'l hinn mill-kontenut ta' l-applikazzjoni kif ippreżentata jew, jekk il-privattiva tkun ingħatat wara applikazzjoni diviżorja, oltre l-kontenut ta' l-applikazzjoni li tiġi aktar kmieni kif din tkun ġiet ippreżentata bla ħsara għal kull azzjoni mwettqa taħt l-artikoli 20 u 41; u

(*e*) li l-protezzjoni mogħtija bil-privattiva tkun ġiet estiża

b'emenda li ma jmesshiex kienet permessa.

(2) Jekk ir-raġunijiet għall-invalidament ikunu jolqtu lill-privattiva biss f'parti, l-invalidament għandu jsir fl-għamla ta' limitazzjoni korrispondenti tal-privattiva.

(3) Privattiva u l-applikazzjoni li tkun ibbażata fuqha għandha titqies, sal-limitu li l-privattiva tkun ġiet invalidata, bħala li qatt ma kellha l-effetti msemmija fl-artikoli 27 u 28:

Iżda dan ma għandux jolqot -

(*a*) deċiżjoni dwar kontravvenzjoni li jkun sar finali u li jkun ġie infurzat qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar l-invalidament; jew

(*b*) kuntratt li jkun ġie konkluż qabel id-deċiżjoni ta' invalidament, sakemm dan ikun twettaq qabel dik id-deċiżjoni, bla ħsara għad-dritt minħabba fi ħlas lura ġust sa dak il-limitu ġustifikat biċ-ċirkostanzi, ta' ammonti mħallsa taħt il-kuntratt rilevanti.

Proċedimenti.

**45.** (1) Azzjoni li tinvalida privattiva tista' tittieħed ukoll jekk il-privattiva tkun skadiet.

(2) Meta deċiżjoni biex tiġi invalidata privattiva, kollha kemm hi jew f'parti minnha, ssir waħda finali, il-Qorti għandha tinnotifika l-uffiċċju tal-Kontrollur li għandu jirreġistra d-deċiżjoni fir-reġistru tal-privattivi u għandu jippubblika kull emenda għal dik il-privattiva skond dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti.

## TAQSIMA XIII
## TWAQQIF MILL-ĠDID TA' DRITTIJIET

*Restitutio in integrum.*

**46.** (1) L-applikant għal, jew il-proprjetarju ta' privattiva li, minkejja li jkun ħa kull prekawzjoni meħtieġ skond iċ-ċirkostanzi, li ma kienx kapaċi josserva terminu impost mill-Kontrollur għandu, fuq talba tiegħu, jkollu d-drittijiet tiegħu stabbilit mill-ġdid jekk in-nuqqas ta' osservanza involuta jkollu l-konsegwenza diretta li jikkaġuna r-rifjut ta' l-applikazzjoni għall-privattiva, jew ir-rifjut ta' talba, jew l-iskadenza ta' privattiva, jew it-telfien ta' xi dritt ieħor jew mezz ta' rimedju.

(2) It-talba għandha tiġi ppreżentata bil-miktub fi żmien xahrejn mit-tneħħija tal-kaġun ta' nuqqas ta' tħaris fit-terminu jew matul is-sena li tiġi minnufih wara l-iskadenza tat-terminu li ma jkunx ġie osservat, skond liema jkun l-iktar kmieni, wara li l-att imħolli barra jkun ġie kompletat. Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' dritt ta' manutenzjoni, il-perjodu speċifikat fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 26 għandu jitnaqqas miż-żmien ta' sena.

(3) It-talba għandu jkun fiha r-raġunijiet li tkun imsejsa fuqhom, u għandha tistabbilixxi l-fatti li tkun tistrieħ fuqhom. Din ma għandhiex titqies li tkun ġiet ippreżentata sakemm ma jitħallasx id-dritt preskritt għat-twaqqif mill-ġdid tad-drittijiet involuti.

(4) Dan l-artikolu ma japplikax għall-iskadenzi msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u fl-artikolu 22.

(5) Id-deċiżjoni li jerġgħu jiġu stabbiliti drittijiet taħt is-

subartikolu (1) għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru dwar il-privattivi.

(6) Kull persuna li b'bonafidi tkun użat jew għamlet tħejjijiet effettivi u serji biex tuża xi invenzjoni li tkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal privattiva pubblikata jew ta' privattiva matul il-perjodu bejn it-telfien ta' drittijiet imsemmi fis-subartikolu (1) u l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni biex jerġa' jwaqqaf mill-ġdid dawk id-drittijiet, jista' mingħajr ħlas ikompli b'dak l-użu matul in-negozju tiegħu jew għall-ħtiġiet tiegħu.

## TAQSIMA XIV
## KONTRAVVENZJONIJIET - AZZJONIJIET ĊIVILI

Sanzjonijiet għal att ta' kontravvenzjoni.

**47.** (1) Kull persuna li bi ksur ta' l-artikolu 27 tesplojta invenzjoni li tkun is-suġġett ta' privattiva jew ta' applikazzjoni għal privattiva għandha tkun responsabbli għad-danni lejn il-proprjetarju tal-privattiva jew ta' applikazzjoni għal privattiva jew lejn id-detentur tal-liċenza.

(2) Id-dritt li jħarrek għad-danni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' dik il-persuna li tapplika għall-ħrug ta' xi mandat kawtelatorju kif provdut fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jipproteġilu d-drittijiet tiegħu. Kap. 12.

(3) Il-Qorti tista', iktar minn hekk, fuq talba ta' l-attur, tordna li l-makkinarju jew mezzi jew tagħmir ieħor industrijali li jintuża bi ksur tal-privattiva, l-oġġetti kontravvenjenti, u l-apparat intiż għall-produzzjoni relattiva, għandu jiġi kkonfiskat, kollu kemm hu jew f'parti minnu, u kkunsinnat lill-proprjetarju tal-privattiva jew ta' l-applikazzjoni għall-privattiva, mingħajr preġudizzju għar-rimedju msemmi f'dan l-artikolu.

Proċedimenti dwar kontravvenzjoni.

**48.** (1) Il-proċedimenti dwar kontravvenzjoni għandhom jinġiebu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u ma jistgħux jinbdew wara ħames snin mid-data meta l-parti aggravata tkun saret konoxxenti tal-kontravvenzjoni u ta' l-identità tal-kontravventur allegat.

(2) Meta s-suġġett tal-privattiva jew ta' l-applikazzjoni għall-privattiva jkun proċess għall-ksib ta' prodott ġdid, l-istess prodott meta dan ikun prodott minn xi parti oħra, għandu jitqies fin-nuqqas ta' prova kuntrarja li jkun ġie miksub bil-proċess kopert bil-privattiva jew bil-proċess kopert bl-applikazzjoni għall-privattiva. Fl-istima ta' kull prova kuntrarja mill-konvenut, il-Qorti għandha tikkonsidra l-interessi leġittimi tal-konvenut fil-protezzjoni tas-sigrieti ta' manifattura u ta' kummerċ tiegħu.

(3) Il-Qorti tista' twaqqaf proċedimenti għal kontravvenzjoni għar-rigward ta' applikazzjoni dwar privattiva sa wara li l-Kontrollur ikun iddeċieda finalment li jikkonċedi jew jirrifjuta privattiva għal dik l-applikazzjoni.

(4) Il-konvenut fi proċedimenti msemmija f'dan l-artikolu jista' jitlob fl-istess proċedimenti l-invalidament ta' xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 44. F'kull każ bħal dak il-Kontrollur għandu jkun parti fil-proċedimenti.

Dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kontravvenzjoni.

**49.** (1) Bla ħsara għas-subartikolu (4), kull persuna interessata għandu jkollha d-dritt li titlob, billi tibda proċedimenti kontra l-proprjetarju tal-privattiva jew ta' l-applikazzjoni għall-privattiva, li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddikjara li t-twettiq ta' att speċifiku ma jkunx jikkostitwixxi kontravvenzjoni ta' privattiva.

(2) Jekk persuna li tagħmel it-talba ġġib prova li l-att involut ma jikkostitwix kontravvenzjoni tal-privattiva, il-Qorti għandha tagħti dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kontravvenzjoni.

(3) Il-proprjetarju tal-privattiva jew ta' l-applikazzjoni għall-privattiva għandu javża lil kull detentur bil-proċedimenti. Id-detenturi tal-liċenza għandu jkollhom id-dritt li jidħlu fil-proċedimenti fin-nuqqas ta' kull provvediment kuntrarju fil-kuntratt tal-liċenza.

(4) Jekk l-att involut ikun diġà s-suġġett ta' proċedimenti ta' kontravvenzjoni, il-konvenut fil-proċedimenti ta' kontravvenzjoni ma jistax jibda proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kontravvenzjoni.

(5) Salv meta l-invalidament jintalab taħt is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 48, proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kontravvenzjoni jistgħu jinbdew flimkien ma' proċedimenti għall-invalidament tal-privattiva.

## TAQSIMA XV
## KONTRAVVENZJONIJIET - AZZJONIJIET KRIMINALI

Reati.

**50.** (1) Kull min jiċċirkola, jew ibiegħ xi oġġett, li b'qerq ikun jirrappreżenta li jkun oġġett li fuqu jkun hemm privattiva jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira.

(2) Jekk persuna tiċċirkola jew tbiegħ xi oġġett li fuqu jkollu stampat, minqux jew inċiż jew xort'oħra applikat fuqu l-kliem "privattiva", "bi privattiva", jew kull kelma oħra li tesprimi jew timplika li privattiva tkun inkisbet għall-oġġett, hija għandha titqies għall-iskop ta' dan l-artikolu bħala li tirrappreżenta li l-oġġett ikun wieħed bi privattiva.

Meta sid l-oġġetti ma jkunx magħruf.

**51.** Jekk is-sid ta' oġġetti jew ħwejjeġ, li, kieku kellu jinsab ħati ta' xi reat imsemmi f'din it-Taqsima, seta' jeħel konfiska, ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinsab, Maġistrat jista', jekk ikun sodisfatt b'tagħrifa ġuramentata li dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ li permezz tagħhom ikun sar reat taħt din il-Taqsima jkunu jinsabu ġewwa xi dar jew fond, u l-kontravventur ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinsab, permezz ta' *warrant* maħruġ minnu jordna lil xi uffiċjal tal-Pulizija li jissemma f'dak il-*warrant*, li jkun jista' jidħol f'kull dar, fond jew post hekk imsemmi fih, u hemm ifittex, jaqbad u jneħħi dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ.

Konfiska ta' oġġetti maqbuda.

**52.** L-oġġetti u l-ħwejjeġ hekk maqbuda għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, u dik il-Qorti għandha taqta' jekk dawn għandhomx jiġu konfiskati taħt dan l-Att.

Il-proċedura meta s-sid ma jkunx magħruf.

**53.** (1) Fil-każ imsemmi fl-artikolu 51, il-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' bandi li għandhom ikunu ppubblikati darbtejn,

b'intervall ta' mill-inqas tmint ijiem, fil-Gazzetta tal-Gvern, u li jitwaħħlu fl-entratura għall-edifiċċju tal-Qorti, u f'kull post ieħor li l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq, fejn jiġi ddikjarat li l-oġġetti jew il-ħwejjeġ maqbuda għandhom jiġu kkonfiskati, kemm-il darba fil-ħin u fil-post imsemmija fil-bandi l-proprjetarju ta' dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ jew persuna oħra interessata f'dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ ma tattendix quddiem il-Qorti u turi għaliex ma għandux isir dan.

(2) Jekk is-sid jew kull persuna oħra f'ismu, jew persuna oħra interessata f'dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ, tonqos mill tattendi fil-ħin u fil-post imsemmija fil-bandi biex turi għaliex ma għandux isir dan, il-Qorti tista' tordna li dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ jew x'uħud minnhom għandhom jiġu kkonfiskati.

Għoti ta' kumpens lil min ikun bonafidi.

**54.** Il-Qorti tista' tordna li l-oġġetti jew il-ħwejjeġ hekk ikkonfiskati għandhom jiġu meqruda jew imneħħija, u tista' wkoll tordna li, mir-rikavat nett li jista' jiġi realizzat bit-tneħħija ta' dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ u sa l-ammont tagħhom, kull persuna bonafidi li tkun aggravata bil-konfiska għandha tingħata kumpens għal kull danni lilha kaġunati.

Preskrizzjoni ta' azzjonijiet kriminali.

**55**. Azzjonijiet kriminali taħt dan l-Att għandhom ikunu preskritti bl-iskadenza ta' tliet snin mill-ġurnata meta jkun sar l-att li jikkostitwixxi r-reat, jekk il-persuna li bi preġudizzju tagħha jkun sar l-att ma kienetx taf bih minn qabel; fil-każijiet l-oħra kollha il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jkun ta' sena mill-ġurnata meta dik il-persuna tkun saret taf b'dak l-att.

Id-dritt għad-danni ma jintlaqatx.

**56.** Id-dispożizzjonijiet mill-artikolu 50 sa l-artikolu 55 għandhom ikunu japplikaw mingħajr preġudizzju għall-ħlas ta' danni lil persuni li jkollhom jedd għalihom.

Prinċipal u impjegat.

**57.** Ma għandhom jiġu istitwiti ebda proċedimenti kontra xi persuna li tkun fis-servizz ta' xi persuna oħra, jekk din tkun bonafidi aġixxiet b'ubbidjenza għall-istruzzjonijiet tal-prinċipal tiegħu, u meta dik l-ewwel persuna tkun qegħda tiġi interrogata mill-Pulizija, hija tagħti tagħrif sħiħ dwar il-prinċipal tagħha u l-partikolaritajiet l-oħra kollha tal-każ.

## TAQSIMA XVI
## DRITT TA' APPELL

Dritt ta' appell.

**58.** (1) Għandu jkun hemm appell minn kull deċiżjoni tal-Kontrollur li jkun qiegħed jirrifjuta milli jagħti privattiva, applikazzjoni għar-reintegrazzjoni fid-drittijiet jew kull talba oħra ta' l-applikant għal, jew proprjetarju ta', privattiva. Dak l-appell għandu jkollu effett sospensiv.

(2) Għandhom jiġu ppreżentati mill-appellant fl-Uffiċċju tal-Kontrollur avviż ta' appell u dikjarazzjoni li jkun fiha r-raġunijiet għall-appell fi żmien xahrejn milli l-istess appellant ikun ġie nfurmat mid-deċiżjoni u jekk il-Kontrollur iqis l-appell bħala wieħed ammissibbli u msejjes sew, għandu jirrettifika d-deċiżjoni tiegħu fi żmien tlett xhur li jkun rċieva l-appell.

(3) Jekk matul dak il-perjodu ta' tlett xhur il-Kontrollur ma jkunx għarraf lill-appellant li huwa jkun irrettifika d-deċiżjoni

tiegħu, jista' jsir appell mill-appellant b'rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell fi żmien xahrejn minn meta jirċievi avviż mingħand il-Kontrollur li huwa ma jkunx irrettifika d-deċiżjoni tiegħu, jew mill-iskadenza tal-perjodu ta' xahrejn imsemmi fis-subartikolu (2), skond liema jiġi l-iktar kmieni.

(4) Kull appell bħalma hemm imsemmi fis-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu għandu jinġieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell magħmul bil-mod kif hemm provdut fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'rikors fi żmien ħmistax il-jum mill-iskadenza tal-perjodu ta' tlett xhur imsemmi minn meta l-Kontrollur ikun irretifika d-deċiżjoni tiegħu jew ma jkunx għarraf lill-appellant li huwa jkun irretifika d-deċiżjoni tiegħu, skond liema jiġi l-iktar kmieni.

Kap. 12.

(5) Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw l-appelli quddiem il-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-Att.

Kap. 12.

(6) Il-Qorti ta' l-Appell tista, għar-rigward ta' spejjeż, tagħmel ordni skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

## TAQSIMA XVII
## MIXXELLANJI

Regolamenti.

**59.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-Uffiċċju ta' Proprjetà Industrijali jista' minn żmien għal żmien jagħmel regolamenti li ma jkunux inkonsistenti ma' dan l-Att li jkunu jippreskrivu dak kollu li b'dan l-Att ikun meħtieġ jew permess li jiġ preskritt jew li jkunu meħtieġa jew mixtieqa li jiġu preskritti għat-twettiq jew għoti ta' seħħ lil dan l-Att, jew għat-tmexxija ta' kull operat li jirrigwarda l-Uffiċċju tal-Kontrollur inklużi d-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-Gvern skond ma jista' jiġi preskritt taħt dan l-Att.

(2) Il-Ministru jista' wkoll jagħmel regolamenti li jagħtu seħħ f'Malta lill-provvedimenti ta' xi strument ta' reġistrazzjoni ta' privattivi sew reġjonali sew internazzjonali jew ta' kull ftehim ieħor relatat li Malta tissieħeb bħala parti fih.

Drittijiet.

**60.** Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi xi jkunu d-drittijiet li jitħallsu fir-reġistri tal-Qrati ta' Malta u ta' Għawdex għall-preżentata ta' appelli quddiem il-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-Att, u sakemm jiġu stabbiliti dawk id-drittijiet għandha tapplika t-tariffa tad-drittijiet tar-reġistru li tinsab annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12

Aġenti.
*Emendat:*
*IX. 2003.114.*

**61.** (1) Meta bis-saħħa ta' dan l-Att, għandu jsir xi att minn jew lil xi persuna f'dak li jkollu x'jaqsam ma' xi proċediment jew ħaġa taħt dan l-Att, dak l-att jista' taħt u skond ir-regolamenti jsir minn jew lil xi aġent ta' dik il-persuna debitament awtorizzata bil-mod preskritt.

(2) Meta applikant ma jkollux ir-residenza ordinarja jew il-post prinċipali ta' negozju tiegħu f'Malta, huwa għandu jawtorizza bil-mod preskritt lil aġent li jkollu r-residenza ordinarja jew il-post prinċipali ta' negozju tiegħu f'Malta, biex jirrappreżentah:

Iżda dan is-subartikolu ma jibqax japplika mill-1 ta’ Mejju 2004 dwar applikant li jkollu r-residenza ordinarja jew il-post prinċipali ta’ negozju tiegħu f’xi Stat Membru.

Tħassir u dispisizzjonijiet transitorji. *Emendat: IX. 2003.115.* Kap. 29.

**62.** (1) It-Taqsima I ta’ l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali (hawnhekk iżjed ’il quddiem f’dan l-artikolu imsejħa "il-liġi mħassra") u kull riferenza għal privattivi fit-Taqsima IV, Taqsima V u Taqsima VI tagħha qegħdin b’dan jiġu mħassra:

Iżda l-artikolu 17 għandu jibqa’ fis-seħħ għar-rigward ta’ disinji u *trademarks* sa dak iż-żmien li l-provvedimenti li hemm fit-Taqsima II u fit-Taqsijma III jiġu mħassra.

(2) Privattiva li, mad-dħul fis-seħħ ta’ dan l-Att, jkun intemmilha t-terminu tagħha taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali, ma għandhiex terġa’ tiġi attivata taħt jew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att.

(3) Meta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta’ privattiva tkun ġiet ippreżentata qabel id-dħul fis-seħħ ta’ l-Att, il-l-provvedimenti ta’ l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali għandhom, minkejja t-tħassir tagħhom b’dan l-Att, ikomplu japplikaw għal dik l-applikazzjoni; iżda ma’ l-għoti ta’ privattiva bħal dik il-provvedimenti ta’ dan l-Att għandhom ikunu japplikaw dwarha.

(4) Meta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta’ privattiva tkun ġiet ippreżentata qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan l-Att kull reġistrazzjoni ta’ privattiva mogħtija skond u b’mod konformi ma’ dik l-applikazzjoni għandha, minkejja kull provvediment ieħor ta’ dan l-Att, tkun suġġetta li titqies bħala nulla jew li għandha tiġi annullata biss skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V tat-Taqsima I ta’ l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali kif kienet fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta’ l-Att.

(5) Kull privattiva reġistrata taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan l-Att, li t-terminu tagħha ma jkunx mal-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att, skada, għandha tibqa’ tgawdi t-terminu ta’ protezzjoni għaż-żmien kollu stipulat taħt dan l-Att u għandha tibbenefika minn kull dritt mogħti għar-rigward ta’ privattivi taħt dan l-Att:

Iżda fil-każ ta’ privattiva li tkun ġiet reġistrata, bis-saħħa ta’ l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, qabel il-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att u li tkun ingħatat estensjoni ta’ mhux iktar minn ħames snin skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima I ta’ l-istess Ordinanza, dik il-privattiva għandha tgawdi, mid-data tal-preżentata ta’ l-applikazzjoni għall-privattiva, il-perjodu ta’ protezzjoni għaż-żmien stipulat taħt dan l-Att u għandha tgawdi minn kull dritt mogħti għar-rigward ta’ privattiva taħt dan l-Att:

Iżda wkoll, fil-każ ta’ privattiva li tkun ġiet reġistrata, bis-saħħa ta’ l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, qabel il-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att u li tkun ingħatat estensjoni ta’ mhux inqas minn seba’ snin u mhux iktar minn erbatax-il sena, skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima I ta’ l-istess

Ordinanza, dik il-privattiva għandha tibqa' tibbenefika mill-estensjoni mogħtija u għandha tibbenefika minn kull dritt mogħti għar-rigward ta' privattivi taħt dan l-Att:

Kap. 29.

Iżda wkoll, fil-każ ta' privattiva li tkun skadiet u li tkun ingħatat taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali:

(i) dik il-privattiva jekk tingħata lura tkun tista', bla ħsara għall-ħlas tad-drittijiet ta' manutenzjoni, tgawdi ż-żmien tal-protezzjoni stipulat f'dan l-Att mid-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni għall-privattiva; u

(ii) għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li hemm fl-artikolu 46 meta ssir talba biex din tingħata lura.

(6) Kull regolament, ordni, ħtieġa, ċertifikat, avviż, deċiżjoni, direttiva, awtorizzazzjoni, kunsens, applikazzjoni, talba jew ħaġa li jsiru, jinħarġu, jingħataw jew jintgħamlu taħt il-liġi mħassra għandhom, jekk ikunu ġà jseħħu mal-bidu ta' dan l-Att, sakemm dawn ikunu setgħu saru, inħarġu, ingħataw jew intgħamlu taħt dan l-Att, jibqgħu fis-seħħ u jkollhom effett bħallikieku dawn ikunu saru, inħarġu, ingħataw jew intgħamlu taħt il-provvediment korrispondenti ta' dan l-Att.

## TAQSIMA XVIII
## TIFSIR

Tifsir.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**63.** (1) Fit-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"disinn" tfisser il-parenza ta' prodott sħiħ jew ta' xi parti minnu skond ma jirriżulta mill-fattizzi tal-prodott innifsu, partikolarment, il-linji, kontorni, kuluri, forma, nisġa u, jew materjal tal-prodott innifsu u, jew ta' l-ornamentazzjoni tiegħu;

"disponibbli għall-pubbliku" tfisser li jkun disponibbli għall-pubbliku minn sid id-disinn jew minn xi parti oħra;

"Klassifikazzjoni skond Locarno" tfisser il-klassifikazzjoni li hemm fil-Ftehim ta' Locarno li jwaqqaf Klassifikazzjoni Internazzjonali għal Disinni Industrijali, kif riveduta jew emendata minn żmien għal żmien;

"Kontrollur" tfisser il-Kontrollur ta' Proprjetà Industrijali u tinkludi lil kull persuna oħra maħtura jew imqabbda mill-Kontrollur biex teżerċita s-setgħat kollha jew xi setgħa u li taqdi d-dmirijiet kollha jew xi dmir tal-Kontrollur;

"Konvenzjoni ta' Pariġi" tfisser il-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar il-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali ta' l-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta jew emendata minn żmien għal żmien;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-protezzjoni ta' proprjetà industrijali;

"proċedimenti dwar xi ksur" f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi disinn reġistrat ġiet tinkludi proċedimenti taħt l-artikolu 115;

"prodott" tfisser oġġett industrijali jew artiġjanali, li ma jkunx programm ta' *computer*, inklużi fost l-oħrajn partijiet magħmulin biex jiġu immuntati fi prodott kompless, ippakkettjar, *get-up*, simboli grafiċi u karattri tipografiċi;

"prodott kompless" tfisser prodott magħmul minn għadd ta' komponenti sostituttivi hekk li l-prodott jkun jista' jinħatt u jerġa' jiġi immuntat;

"reġistru" tfisser ir-reġistru ta' disinni miżmum taħt dan l-Att u tinkludi ir-reġistru ta' disinni miżmum taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali; Kap. 29.

"stipulat" tfisser stipulat b'dan l-Att jew b'kull regolament magħmul taħtu;

"tippubblika" tfisser li tagħmel disponibbli għall-pubbliku u riferenzi għal-pubblikazzjoni dwar reġistrazzjoni, huma riferenzi għal-pubblikazzjoni taħt l-artikolu 95(4);

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"Uffiċċju" tfisser l-uffiċċju responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' disinni f'Malta taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea mssemija fit-Trattat.

(2) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet II sa XVII ta' dan l-Att ma japplikawx għal disinni li huma regolati bit-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att esklużivament.

## TAQSIMA XIX
## KEMM JISTA' JIĠI REĠISTRAT

64. Disinn reġistrat hu dritt ta' proprjetà li jinkiseb mir-reġistrazzjoni tad-disinn taħt dan l-Att. Il-proprjetarju ta' disinn reġistrat ikollu d-drittijiet u r-rimedji pprovduti b'dan l-Att.

Dritt ta' proprjetà.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**65.** (1) Id-disinni jkunu protetti bir-reġistrazzjoni, u għandhom jingħataw drittijiet esklużivi lid-detenturi tagħhom skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Ħtiġiet għall-protezzjoni.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

(2) Disinn ikun protett bi dritt ta' disinn sakemm dan ikun żdid u jkollu xorta individwali.

(3) Disinn applikat ma' jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti bi prodott kompless għandu biss jitqies bħala wieħed żdid u li għandu xorta individwali:

(*a*) kemm-il darba l-parti komponenti, ġaladarba din tkun ġiet inkorporata fil-prodott kompless, tibqa' tidher matul l-użu normali tal-prodott kompless, u

(*b*) kemm-il darba dawk il-fattizzi li jidhru tal-parti komponenti jkunu fihom infushom iwettqu l-ħtiġiet li jirrigwardaw affarijiet ġodda u ta' xorta individwali.

(4) Il-frażi "użu normali" fil-kuntest tat-tifsir tas-subartikolu (3)(*a*) tfisser l-użu li jsir minn utent finali, eskluż kull xogħol ta' manutenzjoni, *servicing* jew tiswija.

Affarijiet ġodda.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**66.** Għandu disinn jitqies bħala wieħed ġdid jekk ma jkun hemm ebda disinn identiku disponibbli għall-pubbliku qabel id-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, id-data ta' prijorità:

Iżda dawk id-disinni li jkollhom fattizzi li jiddifferixxu biss f'dettalji mhux materjali għandhom ukoll jitqiesu bħala identiċi.

Xorta individwali.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**67.** (1) Disinn jitqies li jkollu xorta individwali jekk l-impressjoni totali li jagħti lil utent informat tkun tiddifferixxi mill-impressjoni totali li tali utent jieħu minn disinn li jkun intgħamel disponibbli għall-pubbliku qabel id-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, id-data ta' prijorità.

(2) Meta tkun qed tiġi stmata x-xorta individwali, għandu jitqies kemm kellu libertà d-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn.

Kxif.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**68.** (1) Għall-fini li jiġu applikati l-artikoli 66 u 67, disinn għandu jitqies li jkun intgħamel disponibbli għall-pubbliku jekk dan ikun ġie ppubblikat wara r-reġistrazzjoni jew xort'oħra, jew esibit, użat fil-kummerċ jew xort'oħra mikxuf, ħlief meta dawn il-ġrajjiet ma jkunux jistgħu raġonevolment saru magħrufin fil-kors normali tal-kummerċ lis-setturi speċjalizzati fis-settur in kwistjoni, li jkun qed jopera ġewwa Malta u mill-1 ta' Mejju, 2004, fl-Unjoni Ewropea, qabel id-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, id-data ta' prijorità. Id-disinn m'għandux, madankollu, jitqies li jkun intgħamel disponibbli għall-pubbliku minħabba biss għaliex ikun ġie mikxuf lil terzi taħt kondizzjonijiet ta' kunfidenzjalità espliċiti jew impliċiti.

(2) Ma għandu jitqies ebda kxif għall-fini li jiġu applikati l-artikoli 66 u 67 jekk id-disinn li dwaru tkun qed tintalab il-protezzjoni jkun intgħamel disponibbli għall-pubbliku mid-disinjatur, mis-suċċessur tiegħu fit-titolu, jew minn terzi bħala riżultat ta' informazzjoni pprovduta jew azzjoni meħuda mid-disinjatur, jew mis-suċċessur tiegħu fit-titolu u dak il-kxif ikun sar matul il-perjodu ta' tnax-il xahar li jiġi qabel id-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, id-data ta' prijorità.

(3) Is-subartikolu (2) għandu wkoll japplika jekk id-disinn ikun intgħamel disponibbli għall-pubbliku minħabba f'xi abbuż f'dak li għandu x'jaqsam mad-disinjatur jew mas-suċċessur tiegħu fit-titolu.

Disinni ddettati mill-funzjoni teknika tagħhom u disinni ta' inter-konnessjonijiet.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**69.** (1) Dritt f'disinn reġistrat ma għandux jissussisti fil-fattizzi ta' apparenza ta' prodott li jkunu biss iddettati mill-funzjoni teknika tiegħu.

(2) Dritt f'disinn reġistrat ma għandux jissussisti fil-fattizzi ta' apparenza ta' prodott li jkollu tabilfors jiġi riprodott fil-forma eżatta u dimensjonijiet tagħhom sabiex il-prodott li d-disinn ikun inkorporat fih jew li jkun applikat dwaru jkun jista' jiġi mekkanikament konness ma' jew imqiegħed fi, madwar jew f'kuntrast ma' xi prodott ieħor biex xi prodott il-wieħed jew l-ieħor

ikun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu.

(3) Minkejja s-subartikolu (2), dritt f'disinn reġistrat għandu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-artikoli 66 u 67, jissussisti f'disinn li jkollu l-għan li jħalli jsir l-immuntar ta' diversi biċċiet jew il-konnessjoni ta' prodotti li jinbidlu reċiprokament ma' xulxin f'sistema modulari.

**70.** Dritt f'disinn reġistrat ma għandux jissussisti f'disinn li jmur kontra l-politika pubblika jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità.

Disinni li jmorru kontra l-politika jew il-moralità pubblika.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**71.** (1) L-iskop tal-protezzjoni mogħtija bi dritt f'disinn reġistrat għandu jinkludi disinn li ma jagħmilx impressjoni totali differenti fuq utent informat.

Skop ta' protezzjoni.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

(2) Meta jitqies l-iskop ta' protezzjoni, għandu jitqies il-grad ta' libertà tad-disinjatur li jkun qed jiżviluppa d-disinn tiegħu.

**72.** (1) Mar-reġistrazzjoni tiegħu, disinn li jkun skond il-ħtiġiet ta' l-artikolu 65(2) għandu jkun protett bi dritt ta' disinn għal żmien ħames snin mid-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni.

Żmien għal kemm issir protezzjoni.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

(2) Id-detentur tad-dritt jkollu ż-żmien tiegħu għal kemm issir protezzjoni mġedded skond l-artikolu 73 għal xi perjodu wieħed jew iżjed ta' ħames snin kull wieħed, sa żmien totali ta' ħamsa u għoxrin sena mid-data meta ssir il-preżentata.

**73.** (1) Ir-reġistrazzjoni ta' disinn tista' tiġġedded fuq talba tal-proprjetarju, sakemm isir il-ħlas stipulat għat-tiġdid:

Tiġdid ta' reġistrazzjoni.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

Iżda dan japplika sakemm issir talba u l-ħlas isir qabel id-data ta' skadenza u dik l-azzjoni tittieħed mhux iżjed minn sitt xhur qabel dik id-data:

Iżda tista' tintgħamel talba u l-ħlas isir sa sitt xhur wara d-data ta' skadenza, f'liema każ kull ħlas ta' tiġdid addizzjonali li jista' jkun stipulat jkun tħallas ukoll f'dak iż-żmien.

(2) It-tiġdid għandu jibda jseħ'minn meta tiskadi r-reġistrazzjoni ta' qabel.

(3) Jekk ir-reġistrazzjoni ma tiġġeddidx skond id-disposizzjonijiet ta' hawn qabel, il-Kontrollur għandu jneħħi d-disinn mir-reġistru.

**74.** Għandu disinn jiġi rifjutat reġistrazzjoni:

Raġunijiet għal rifjut ta' reġistrazzjoni.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

(*a*) jekk id-disinn ma jinkwadrawx fid-definizzjoni ta' disinn fl-artikolu 63;

(*b*) jekk ikun jikkonsisti fi jew ikun b'mod sinifikattiv magħmul mill-bandiera nazzjonali ta' Malta;

(*ċ*) jekk ikun fih rappreżentazzjoni tal-bandiera nazzjonali ta' Malta u jkun jidher lill-Kontrollur bħala wieħed li jiżgwida jew li hu offensiv;

(*d*) jekk ikun jikkonsisti fi jew ikun fih:

(i) l-armi eraldiċi, jew x'uħud mill-istemmi prinċipali ta' l-armi eraldiċi li jappartjenu lill-President jew lill-Arċisqof Kattoliku Ruman ta' Malta, jew xi insinji jew distintiv li jkun hekk jixbah lil dawk l-armi eraldiċi jew xi stemma eraldika li x'aktarx jiftiehmu li huma dawk l-armi l-oħra jew dik l-arma l-oħra,

(ii) rappreżentazzjoni tal-bnadar Presidenzjali jew Episkopali,

(iii) rappreżentazzjoni tal-President jew l-Arċisqof, jew xi imitazzjoni bid-dieher tagħhom, jew

(iv) kliem, ittri jew mezzi li x'aktarx iwasslu persuni jaħsbu li l-applikant jew għandu jew reċentement kellu xi patroċinju jew awtorizzazzjoni Presidenzjali jew Episkopali,

kemm-il darba ma jkunx jidher lill-Kontrollur li jkun ingħata kunsens minn jew f'isem il-President jew l-Arċisqof;

(*e*) jekk ikun imur kontra l-politika pubblika jew prinċipji ta' moralità aċċettati; jew

(*f*) jekk l-applikant għad-dritt f'disinn reġistrat ma jkunx intitolat għalih taħt il-liġi ta' Malta.

Drittijiet esklużivi mogħtija bid-dritt ta' disinn.
*Miżjud:*
*IX. 2003.116.*

**75.** (1) Ir-reġistrazzjoni ta' disinn għandha tagħti lid-detentur tiegħu id-dritt esklużiv li jużah biex jipprevjeni lil terzi li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużawh. L-użu hawn qabel imsemmi għandu jkopri, partikolarment, l-għemil, l-offerta, t-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-użu ta' prodott li fih ikun hemm inkorporat id-disinn jew li jkun applikat dwaru, jew il-ħżin ta' dak il-prodott għal dawk il-finijiet.

(2) Kull referenza f'dan l-Att għall-ksur ta' disinn reġistrat għandha titqies bħala referenza għal kull ksur bħal dak tad-drittijiet tal-proprjetarju.

(3) Id-drittijiet tal-proprjetarju jkollhom effett mid-data ta' reġistrazzjoni li jitqies skond l-artikolu 95(3):

Iżda -

(*a*) ma jistgħu jinbdew ebda proċedimenti dwar xi ksur qabel ma d-disinn ikun fil-fatt ġie reġistrat, u

(*b*) ma għandu jsir ebda reat taħt l-artikolu 117 u xi ħaġa magħmula qabel id-data tal-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni.

Limitazzjoni tad-drittijiet mogħtija bid-dritt ta' disinn.
*Miżjud:*
*IX. 2003.116.*

**76.** (1) Id-drittijiet mogħtija bid-dritt ta' disinn mar-reġistrazzjoni ma għandux jiġi reġistrat għar-rigward ta':

(*a*) atti li jsiru privatament u għal raġunijet mhux kummerċjali, jew

(*b*) atti magħmulin għal raġunijiet sperimentali, jew

(*ċ*) atti ta' riproduzzjoni għall-finijiet li jsiru ċitazzjonijiet jew ta' tagħlim, sakemm dawk l-atti jkunu kompatibbli

mal-prattika kummerċjali u ma jkunux jippreġudikaw indebitament l-esplojtazzjoni tad-disinn normali, u li tissemma l-oriġni.

(2) B'żieda ma' dan, id-drittijiet mogħtija bi dritt ta' disinn mar-reġistrazzjoni ma għandhomx jiġu eżerċitati għar-rigward ta':

(*a*) it-tagħmir abbord ta' bastimenti u ajruplan reġistrat f'pajjiż ieħor meta dawn jidħlu temporanjament jew aċċidentalment fit-territorju ta' Malta, jew

(*b*) l-importazzjoni ġewwa Malta ta' *spare parts* u aċċessorji għall-fini tat-tiswija ta' dawk l-inġenji, jew

(*ċ*) l-eżekuzzjoni ta' tiswijiet fuq dawk l-inġenji.

Eżawriment ta' drittijiet. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**77.** (1) Disinn reġistrat ma għandux jintitola lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu ta' prodott li fih ikun hemm id-disinn inkorporat jew li d-disinn jiġi applikat għalih meta l-prodott jkun tqiegħed fis-suq minn proprjetarju jew bil-kunsens tiegħu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"is-suq" tfisser is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004, is-suq fi Stat Membru ieħor; u

"użu" tinkludi l-offerta, il-bejgħ, ix-xiri jew l-esportazzjoni tal-prodott.

Relazzjoni ma' forom oħra ta' protezzjoni. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**78.** (1) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima XVIII sa XIV ta' dan l-Att għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra tal-liġi ta' Malta li jkollha x'taqsam ma' drittijiet ta' disinn mhux reġistrat, *trademarks* jew sinjali distinttiv oħra, privattivi u mudelli utilitarji, karattri tipografiċi, responsabbiltà ċivilii jew kompetizzjoni mhux ġusta.

(2) Disinn protett bi dritt ta' disinn reġistrat skond dan l-Att għandhom ukoll ikunu eliġibbli għal protezzjoni taħt l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, mid-data meta jkun inħoloq id-disinn jew ġie stabbilit f'xi forma. Kap. 415.

Xorta ta' disinn reġistrat. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**79.** Disinn reġistrat hu l-proprjetà personali ta' sidu.

Komproprjetà ta' disinn reġistrat. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**80.** (1) Meta jingħata disinn reġistrat lil xi żewġ persuni jew aktar konġuntement, kull wieħed minnhom ikun intitolat, bla ħsara għal kull ftehim kuntrarju, għal sehem ugwali indiviż fid-disinn reġistrat.

(2) Id-disposizzjonijiet li ġejjin japplikaw meta xi żewġ persuni jew aktar ikunu komproprjetarji ta' disinn reġistrat, bis-saħħa tas-subartikolu (1) jew xort'oħra.

(3) Bla ħsara għal xi ftehim kuntrarju, kull komproprjetarju jkun intitolat, personalment jew permezz ta' l-aġenti tiegħu, li jagħmel għall-benefiċċju tiegħu nnifsu u mingħajr il-kunsens ta' jew il-ħtieġa li jagħti kont lil xi komproprjetarju ieħor, xi att li kieku xort'oħra jammonta għal ksur tad-disinn reġistrat.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) komproprjetarju jista' mhux mingħajr il-kunsens ta' l-ieħor jew ta'

l-oħrajn -

(*a*) jagħti liċenza biex jintuża d-disinn reġistrat, jew

(*b*) jassenja jew iċedi l-kontroll ta' sehmu fid-disinn reġistrat.

(5) Proċedimenti dwar xi ksur jistgħu jinġiebu minn komproprjetarju, imma komproprjetarju ma jistax, mingħajr ma jitħalla jagħmel hekk mill-Qorti, jagħmel l-azzjoni kemm-il darba ma jidħolx il-komproprjetarju l-ieħor jew kull wieħed mill-komproprjetarji l-oħra, fil-kawża.

Komproprjetarju li hekk jingħaqad fil-kawża m'għandu jħallas xejn fil-kawża.

Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tolqot l-għemil ta' xi mandat kawtelatorju fuq rikors li jsir minn komproprjetarju wieħed.

(6) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tolqot id-drittijiet u l-obbligi ta' *trustees* jew rappreżentanti personali, jew id-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala tali.

Trasmissjoni ta' disinn reġistrat.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**81.** (1) Disinn reġistrat jista' jingħadda b'assenjazzjoni, disposizzjoni testamentarja jew operazzjoni ta' liġi bl-istess mod bħal proprjetà personali jew mobbli oħra.

Dan jista' hekk jingħadda jew f'konnessjoni mat-twillija tan-negozju jew indipendentement.

(2) Assenjazzjoni jew trasmissjoni oħra ta' disinn reġistrat tista' tkun parzjali u limitata biex hekk tapplika dwar l-użu tad-disinn b'mod partikolari jew f'xi lokalità partikolari.

(3) Assenjazzjoni ta' disinn reġistrat mhux effettiva kemm-il darba ma tkunx bil-miktub iffirmata minn jew f'isem min jassenja jew, skond ma jista' jkun il-każ, ir-rappreżentant personali tiegħu.

(4) Ebda ħaġa f'dan l-Att m'għandha tiftiehem li tolqot l-assenjazzjoni jew xi trasmissjoni oħra ta' disinn mhux reġistrat bħala parti mit-twillija ta' negozju.

Reġistrazzjonijiet ta' operazzjonijiet li jolqtu disinn reġistrat.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**82.** (1) Meta ssir applikazzjoni lill-Kontrollur minn persuna li tippretendi li tkun intitolata għal xi interess fi jew taħt disinn reġistrat bis-saħħa ta' operazzjoni reġistrabbli, jew kull persuna oħra li tippretendi li tkun milquta b'tali operazzjoni, id-dettalji rilevanti ta' l-operazzjoni għandhom jiddaħħlu fir-reġistru.

(2) Dawn li ġejjin huma operazzjonijiet reġistrabbli:

(*a*) l-assenjazzjoni ta' disinn reġistrat jew xi dritt fih;

(*b*) l-għoti ta' liċenza taħt disinn reġistrat;

(*ċ*) it-trasferiment ta' disinn reġistrat b'testment;

(*d*) ordni ta' Qorti jew xi awtorità kompetenti oħra li tittrasferixxi disinn reġistrat jew xi dritt fih jew taħtu.

(3) Sakemm tkun saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' operazzjoni reġistrabbli -

(*a*) l-operazzjoni ma tkunx effettiva fir-rigward ta'

persuna li bonafidi takkwista xi interess konfliġġenti fid-disinn reġistrat, u

(*b*) l-artikoli 86 jew 87 ma għandhomx japplikaw dwar persuna li tippretendi li tkun detentur ta’ liċenza bis-saħħa ta’ l-operazzjoni.

(4) Meta persuna ssir il-proprjetarju jew detentur ta’ liċenza ta’ disinn reġistrat bis-saħħa ta’ operazzjoni reġistrabbli, hija ma għandhiex tkun intitolata għal danni jew li tagħti rendikont tal-profitti tagħha dwar xi ksur tad-disinn reġistrat li jiġri wara d-data ta’ l-operazzjoni reġistrabbli u qabel ma tiġi reġistrata l-operazzjoni, kemm-il darba:

(*a*) ma ssirx applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta’ l-operazzjoni qabel tmiem żmien sitt xhur li jibdew għaddejin mid-data ta’ l-operazzjoni, jew

(*b*) il-Qorti ma tkunx sodisfatta li ma kienx prattikabbli li applikazzjoni bħal dik issir qabel tmiem dak iż-żmien u li tkun saret applikazzjoni kemm jista’ jkun prattikabbilment malajr wara dan.

Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta’ disinn bħala oġġett ta’ proprjetà.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**83.** Id-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 79 sa 82 japplikaw *mutatis mutandis* f’dak li għandu x’jaqsam ma’ applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta’ disinn bl-istess mod bħalma japplikaw f’dak li għandu x’jaqsam ma’ disinn reġistrat.

Liċenzjar ta’ disinn reġistrat.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**84.** (1) Liċenza biex jintuża disinn reġistrat tista’ tkun ġenerali jew limitata. Liċenza limitata tista’, partikolarment, tapplika f’dak li għandu x’jaqsam ma’ l-użu tad-disinn b’mod partikolari jew f’xi lokalità partikolari.

(2) Kemm-il darba l-liċenza ma tipprovdix xort’oħra, din tkun tobbliga wkoll lis-suċċessur fit-titolu skond l-interessi tal-konċedent, u referenzi f’dan l-Att għal xi għemil li jsir bil-kunsens, jew mingħajr il-kunsens, tal-proprjetarju ta’ disinn reġistrat, għandhom jiftehmu skond dan.

(3) Meta l-liċenza tkun hekk tipprovdi, tista’ tingħata sotto-liċenza mid-detentur ta’ liċenza; u referenzi f’dan l-Att għal liċenza jew detentur ta’ liċenza jinkludu sotto-liċenza jew sotto-detentur ta’ liċenza.

Liċenzi esklużivi.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**85.** (1) Fit-Taqsimiet XVIII sa XVIV ta’ dan l-Att "liċenza esklużiva" tfisser liċenza (kemm ġenerali kemm limitata) li tkun tawtorizza lid-detentur ta’ liċenza b’esklużjoni ta’ kull persuna oħra, inkluża l-persuna li tkun qed tagħti l-liċenza, biex juża disinn reġistrat bil-mod awtorizzat bil-liċenza.

(2) Detentur ta’ liċenza esklużiva għandu l-istess drittijiet fir-rigward ta’ suċċessur fit-titolu li jkun obbligat b’liċenza bħalma għandu fir-rigward tal-persuna li tkun qed tagħti l-liċenza.

Disposizzjonijiet ġenerali dwar id-drittijiet ta' detenturi ta' liċenza fil-każ ta' ksur.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**86.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għar-rigward tad-drittijiet ta' detentur ta' liċenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-ksur ta' disinn reġistrat:

Iżda ma għandhomx japplikaw meta jew sakemm, skond l-artikolu 87(1), detentur ta' liċenza esklużiva jkollu dritt jibda proċedimenti f'ismu stess.

(2) Detentur ta' liċenza jkollu jedd, kemm-il darba l-liċenza li jkollu ma tkunx tipprovdi xort'oħra, jinterpella lill-proprjetarju tad-disinn reġistrat biex jibda proċedimenti fuq xi ksur dwar xi ħaġa li tkun tolqot l-interessi tiegħu.

(3) Jekk il-proprjetarju jirrifjuta milli jagħmel dan, jew jonqos milli jagħmel dan fi żmien xahrejn minn meta jkun ġie interpellat, id-detentur ta' liċenza jista' jibda proċedimenti f'ismu stess daqslikieku kien il-proprjetarju.

(4) Meta jinbdew minn detentur ta' liċenza bis-saħħa ta' dan l-artikolu proċedimenti dwar xi ksur, il-proprjetarju għandu wkoll jidħol fil-kawża.

(5) Fi proċedimenti dwar xi ksur li jinbdew minn proprjetarju ta' disinn reġistrat, kull telf imġarrab jew li x'aktarx ikun imġarrab mid-detenturi ta' liċenza għandu jitqies mill-Qorti li għandha tagħti dawk l-ordnijiet li tqis xierqa dwar x'ikollu jsir minn u kif għandu jitqassam kull ammont ta' flus mogħti bħala rimedju għall-ksur.

Detentur ta' liċenza li jkollu dritt u rimedji ta' prokuratur.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**87.** (1) Liċenza esklużiva tista' tkun tipprovdi li d-detentur ta' liċenza jkollu, sa dak il-limitu li jista' jiġi pprovdut minn liċenza, l-istess drittijiet u rimedji dwar ħwejjeġ li jiġru wara l-għoti ta' l-liċenza daqslikieku l-liċenza kienet assenjazzjoni.

Meta jew sal-limitu li fih isir dak il-provvediment, id-detentur ta' liċenza ikun intitolat, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-liċenza u għal dawn id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu li ġejjin, jibda proċedimenti dwar xi ksur f'ismu stess kontra kull persuna li ma tkunx il-proprjetarju.

(2) Id-drittijiet u r-rimedji ta' detentur ta' liċenza esklużiva jimxu flimkien ma' dawk tal-proprjetarju tad-disinn reġistrat; u referenzi f'dan l-Att għall-proprjetarju ta' disinn reġistrat li għandhom x'jaqsmu ma' ksur għandhom ikunu jiftehmu skond dan.

(3) F'azzjoni mibdija minn detentur ta' liċenza esklużiva taħt dan l-artikolu, konvenut jkun jista' jutilizza kull difiża li kieku kienet tkun disponibbli għalih li kieku l-azzjoni tkun inbdiet minn proprjetarju tad-disinn reġistrat.

(4) Meta proċedimenti dwar ksur ta' disinn reġistrat jinbdew minn proprjetarju jew mid-detentur ta' liċenza li għandhom x'jaqsmu mal-ksur li dwaru huma jkollhom dritt ta' azzjoni konkorrenti, il-proprjetarju jew, skond il-każ, id-detentur ta' liċenza li ma jkunux atturi jistgħu jingħaqdu fil-kawża.

(5) (*a*) Meta tinbeda azzjoni dwar ksur ta' disinn reġistrat li għandha x'taqsam ma' xi ksur li dwaru l-proprjetarju u d-detentur ta' liċenza esklużiva jkollhom dritt ta' azzjoni konkorrenti -

(i) il-Qorti għandha meta tiġi biex tagħmel stima tad-danni tqis il-pattijiet tal-liċenza, u kull rimedju ta' flus li jkun ingħata minn qabel jew sar disponibbli lil xi wieħed minnhom dwar dak il-ksur;

(ii) ma għandu jiġi ordnat li jsir ebda kont ta' profitti jekk ikunu ngħataw qabel id-danni, jew ikun ġie ordnat kont ta' profitti, favur xi wieħed minnhom dwar dak il-ksur; u

(iii) il-Qorti għandha tqassam, jekk ikun ġie ordnat kont ta' profitti u bla ħsara għal kull ftehim bejn il-proprjetarju u d-detentur ta' liċenza esklużiva, il-profitti bejnithom hekk kif il-Qorti tqis li jkun ġust;

(*b*) Id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu japplikaw kemm jekk azzjoni tinġieb minn proprjetarju waħdu, kemm jekk din tinġieb minn proprjetarju u d-detentur ta' liċenza; u jekk dawn ma jkunux partijiet it-tnejn li huma, il-Qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li tista' tqis li jkunu xierqa dwar it-tneħħija u t-tqassim ta' kull ammont mogħti bħala rimedju għall-ksur.

(6) Il-proprjetarju ta' disinn reġistrat għandu javża lil detentur ta' liċenza li jkollu dritt ta' azzjoni konkorrenti qabel ma japplika għal ordni taħt l-artikolu 115; u l-Qorti tista' wara li d-detentur ta' liċenza jagħmel rikors, tordna li jsir skond dak l-artikolu bħal ma tqis li jkun xieraq fil-qies tal-pattijiet tad-detentur ta' liċenza.

(7) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4) sa (6) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull ftehim kuntrarju bejn id-detentur ta' liċenza u l-proprjetarju.

## TAQSIMA XX
## APPLIKAZZJONIJIET

**88.** Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn għandha tiġi ppreżentata għand il-Kontrollur fl-ilsien Malti jew Ingliż u għandu jkun fiha dan li ġej: Applikazzjoni għal reġistrazzjoni. *Miżjud: IX. 2003.116.*

(*a*) talba għal reġistrazzjoni ta' disinn;

(*b*) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

(*ċ*) id-disinn li jkun is-suġġett ta' l-applikazzjoni;

(*d*) l-isem u l-indiriz ta' l-aġent jew rappreżentant, fil-każijiet meta xi wieħed ikun ġie maħtur; u

(*e*) dikjarazzjoni li tkun qed tiġi pretiża priorità fil-każijiet meta l-applikant ikun jixtieq jieħu vantaġġ ta' applikazzjoni aktar bikrija.

L-applikazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-ħlas ta' dritt skond ma jista' jkun stipulat.

**89.** (1) Id-data meta ssir il-preżentata ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn tkun id-data meta jingħataw l-elementi stipulati fl-artikolu 88 lill-Kontrollur mill-applikant: Data meta ssir il-preżentata. *Miżjud: IX. 2003.116.*

Iżda meta l-elementi jingħataw fi ġranet differenti, id-data meta ssir il-preżentata tkun id-data meta jingħata l-aħħar element.

(2) Referenzi fit-Taqsima XVIII sa XXIV għad-data ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni għandu jiftiehem bħala referenza għad-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni.

Klassifikazzjoni ta' disinni.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**90.** (1) Id-disinni għandhom jiġu klassifikati għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' disinni bħalma hemm fil-Klassifikazzjoni skond Locarno.

(2) Kull kwistjoni li tqum dwar il-klassi li fiha jkun jinkwadra xi disinn għandha tiġi deċiża mill-Kontrollur, li d-deċiżjoni tiegħu tkun waħda finali.

Pretensjoni dwar priorità dwar applikazzjoni tal-konvenzjoni.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**91.** (1) Persuna li tkun ippreżentat applikazzjoni kif imiss għall-protezzjoni ta' disinn fi stat li jkun membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) jew parti fil-Konvenzjoni ta' Pariġi, hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjħa bħala "applikazzjoni skond il-Konvenzjoni", jew is-suċċessur fit-titolu tagħha, ikollhom dritt ta' priorità, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' l-istess disinn taħt dan l-Att li dwaru tkun ġiet ippreżentata dik l-applikazzjoni, għal żmien sitt xhur mid-data meta ssir il-preżentata ta' l-ewwel applikazzjoni bħal dik.

(2) Jekk l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni taħt dan l-Att issir matul dak iż-żmien ta' sitt xhur:

(*a*) id-data rilevanti għall-finijiet li jiġu stabbiliti liema drittijiet ikollhom preċedenza għandha tkun id-data meta ssir il-preżentata ta' l-ewwel applikazzjoni skond il-Konvenzjoni, u

(*b*) ma għandux jintlaqat il-fatt dwar kemm jista' jiġi reġistrat id-disinn bl-użu tiegħu f'Malta fil-perjodu bejn dik id-data u d-data ta' l-applikazzjoni taħt dan l-Att.

(3) (*a*) Kull preżentata fi stat membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ jew parti fil-Konvenzjoni ta' Pariġi li tkun ekwivalenti għal preżentata nazzjonali regolari taħt il-legislazzjoni domestika tiegħu, għandha tiġi ttrattata bħala li din tagħti lok għad-dritt ta' priorità.

(*b*) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "preżentata nazzjonali regolari" tfisser preżentata li tkun adegwata sabiex tiġi stabbilita d-data meta l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata fil-pajjiż, tkun xi tkun l-applikazzjoni sussegwenti.

(4) Applikazzjoni sussegwenti li tirrigwarda l-istess disinn bħala l-ewwel applikazzjoni skond il-Konvenzjoni, ippreżentata fl-istess pajjiż tal-Konvenzjoni, titqies bħala l-ewwel applikazzjoni skond il-Konvenzjoni (li d-data tal-preżentata tkun id-data tal-bidu taż-żmien ta' priorità), jekk fil-waqt ta' l-applikazzjoni sussegwenti:

(*a*) l-applikazzjoni ta' qabel tkun ġiet irtirata, abbandunata

jew rifjutata, mingħajr ma tkun infetħet għall-ispezzjoni pubblika u mingħajr ma tkun ħalliet xi drittijiet pendenti, u

(*b*) ma tkunx għadha serviet bħala bażi għal pretensjoni ta' dritt ta' priorità, u l-applikazzjoni ta' qabel tista' wara dan ma sservix bħala bażi għal dritt ta' priorità pretiż.

(5) Jista' jsir provvediment b'regolamenti dwar kif issir pretensjoni ta' dritt ta' priorità abbażi ta' applikazzjoni skond il-Konvenzjoni.

(6) Dritt ta' priorità li joriġina bħala riżultat ta' applikazzjoni skond il-Konvenzjoni jista' jiġi assenjat jew xort'oħra trasmess, jew ma' l-applikazzjoni jew b'mod indipendenti.

Pretensjoni dwar priorità minn applikazzjonijiet oħra rilevanti ġejjin minn barra l-pajjiż.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**92.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jagħtu lil persuna li tkun debitament ippreżentat applikazzjoni għall-protezzjoni ta' disinn f'pajjiż jew territorju li dwaru l-Gvern ta' Malta jkun parti fi trattat, konvenzjoni, arranġament jew qbil għall-protezzjoni reċiproka ta' disinni, dritt għall-priorità, għall-fini ta' reġistrazzjoni ta' l-istess disinni taħt dan l-Att għal xi oġġett jew servizz jew għall-istess oġġetti jew servizzi, għal dak il-perjodu li jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti mid-data meta ssir il-preżentata ta' dik l-applikazzjoni.

(2) Dawk ir-regolamenti jistgħu jagħmlu disposizzjonijiet bħal dawk li hemm fl-artikolu 91 f'dak li għandu x'jaqsam ma' applikazzjoni skond il-Konvenzjonijiet jew xi disposizzjoni oħra bħalma jkun jidher lill-Ministru li tkun adatta għall-fini li tagħti seħħ lit-trattat, konvenzjoni, arranġament jew qbil.

Eżami ta' applikazzjoni.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**93.** (1) Il-Kontrollur għandu jeżamina jekk applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn tkunx tissodisfa l-ħtiġiet ta' dan l-Att.

(2) Jekk il-Kontrollur ikun jidhirlu li l-ħtiġiet għal reġistrazzjoni ma jkunux intlaħqu, huwa għandu jgħarraf lill-applikant u jagħtih opportunità li jagħmel dawk l-ilmenti jew li jemenda l-applikazzjoni matul dak il-perjodu li l-Kontrollur jista' jispeċifika.

(3) Jekk l-applikant jonqos milli jissodisfa lill-Kontrollur li dawk il-ħtiġiet ikunu ntlaħqu, jew li jemenda l-applikazzjoni biex ikun jista' jilħaqhom, jew jonqos milli jirrispondi qabel tmiem il-perjodu speċifikat, il-Kontrollur għandu jiċħad l-applikazzjoni.

(4) Jekk il-Kontrollur ikun jidhirlu li jkunu intlaħqu l-ħtiġiet għar-reġistrazzjoni, huwa għandu jaċċetta l-applikazzjoni bħala li tkun eliġibbli għar-reġistrazzjoni.

Irtirar, jew emenda ta' applikazzjoni.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**94.** (1) L-applikant jista' f'kull waqt jirtira l-applikazzjoni tiegħu.

(2) Applikazzjoni tista' tiġi emendata, fuq talba ta' l-applikant, biss billi jissewwa -

(*a*) l-isem jew l-indirizz ta' l-applikant,

(*b*) l-iżbalji fil-kliem jew fl-ikkupjar, jew

(*ċ*) żbalji ovvji,

u mbagħad biss fil-każ li t-tiswija ma tkunx sostanzjalment tolqot l-identità tad-disinn.

Reġistrazzjoni. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**95.** (1) Meta applikazzjoni tkun ġiet aċċettata bħala waħda eliġibbli għar-reġistrazzjoni, il-Kontrollur għandu jirreġistra d-disinn, kemm-il darba ma jkunx jidhirlu fil-qies ta' dak kollu li jiġi fil-konjizzjoni tiegħu wara li jaċċetta l-applikazzjoni li din tkun ġiet aċċettata bi żball.

(2) Disinn ma għandux ikun reġistrat u l-applikazzjoni għandha titqies bħala li tkun ġiet irtirata kemm-il darba ma jitħallasx xi dritt stipulat matul it-tletin ġurnata tax-xogħol mid-data meta ssir il-preżentata.

(3) Meta disinn ikun reġistrat dan għandu jiġi reġistrat sa mid-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, u dik id-data għandha titqies għall-finijiet ta' dan l-Att bħala d-data ta' reġistrazzjoni.

(4) Mar-reġistrazzjoni ta' disinn il-Kontrollur għandu joħroġ lill-applikant ċertifikat ta' reġistrazzjoni, u għandu jippubblika fil-Gazzetta l-fatt li d-disinn ikun ġie reġistrat u li jkun disponibbli għall-wiri mill-pubbliku fl-Uffiċċju.

Bdil ta' disinn reġistrat. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**96.** (1) Disinn reġistrat ma għandux jinbidel fir-reġistru, matul iż-żmien tar-reġistrazzjoni jew tat-tiġdid tiegħu.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-Kontrollur jista', fuq talba tal-proprjetarju, jippermetti l-bdil ta' disinn reġistrat meta d-disinn ikun jinkludi l-isem jew l-indirizz tal-proprjetarju u l-bdil ikun limitat għall-bdil ta' dak l-isem jew indirizz u ma jkunx sostanzjalment jolqot l-identità tad-disinn.

(3) Għandhom isiru disposizzjonijiet b'regolamenti li jkunu jippreskrivu l-mod ta' pubblikazzjoni ta' bdil bħal dak u l-għemil ta' oġġezzjonijiet minn xi persuna li tippretendi li tkun milquta b'dan.

Ċessjoni ta' disinn reġistrat. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**97.** (1) Disinn reġistrat jista' jkun ċedut minn proprjetarju billi jibgħat avviż lill-Kontrollur fejn jiġi inkluż l-isem u l-indirizz ta' kull min ikollu xi interess kontrattwali fid-disinn, jew xi interess ieħor taħt l-Att. Il-proprjetarju għandu wkoll jiċċertifika li kull tali persuna:

(*a*) tkun ingħatat avviż ta' mhux anqas minn disgħin ġurnata dwar l-intenzjoni li l-proprjetarju jkollu li jċedi d-disinn, jew

(*b*) ma tkunx milquta, jew jekk milquta tkun taqbel ma' dan.

Raġunijiet għall-invalidità ta' reġistrazzjoni. *Miżjud: IX. 2003.116. Emendat: XVIII. 2005.3.*

**98.** (1) Ir-reġistrazzjoni ta' disinn tista' tiġi dikjarata invalida għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) jekk ma jkunux tħarsu d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 74;

(*b*) jekk ma tkunx twettaq il-ħtiġiet ta' l-artikoli 65 sa 70;

(*ċ*) jekk id-disinn ikun l-istess bħal jew wieħed li jixbah disinn prijuri li jkun sar disponibbli għall-pubbliku wara d-data meta ssir il-preżentata ta’ l-applikazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, wara d-data ta’ priorità, u dak id-disinn prijuri jkun protett minn data prijuri għal dik id-data b’disinn reġistrat jew applikazzjoni għal disinn reġistrat f’territorju kopert bi ftehim internazzjonali li Malta tkun parti fih;

(*d*) jekk jiġi użat sinjal distintiv f’disinn sussegwenti u d-detentur tad-dritt tas-sinjal ikollu d-dritt jipprojbixxi dak l-użu;

(*e*) jekk id-disinn ikun jikkostitwixxi użu mhux awtorizzat ta’ xogħol protett bid-drittijiet ta’ l-awtur;

(*f*) jekk id-disinn jinvolvi l-użu ta’:

(i) l-armi eraldiċi, bnadar jew emblemi oħra, u

(ii) l-abbrevjazzjonijiet u l-ismijiet, ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali u inter-governattivi li tagħhom xi pajjiż wieħed jew aktar tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi jkunu membri.

(2) Ir-raġunijiet approvati taħt l-artikolu 74(*f*) jistgħu biss jiġu invokati minn persuna intitolata għad-dritt taħt il-liġi ta’ Malta.

(3) Ir-raġunijiet fis-subartikoli (1)(*ċ*), (1)(*d*) u (1)(*e*) hawn qabel jistgħu jkunu invokati unikament minn applikant għal, jew id-detentur ta’ dritt konfliġġenti.

(4) Ir-raġunijiet fis-subartikolu (1)(*f*) hawn qabel jistgħu jiġu unikament invokati mill-enti assoċjata ma’ dan kollu.

(5) Meta disinn ikun ġie rifjutat reġistrazzjoni skond ma hemm fl-artikolu 74, jew dritt ta’ disinn ikun ġie dikjarat invalidu skond ma hemm fis-subartikolu (1), id-disinn jista’ jiġi reġistrat jew id-dritt ta’ disinn miżmum f’għamla emendata, jekk f’dik l-għamla jkun jikkonforma mal-ħtiġiet għall-protezzjoni u tinżamm l-identità tad-disinn. Tista’ reġistrazzjoni jew manutenzjoni f’għamla emendata tinkludi reġistrazzjoni li jkollha magħha rifjut parzjali mid-detentur tad-dritt fid-disinn reġistrat jew tniżżil fir-Reġistru tad-disinn, ta’ deċiżjoni tal-qorti li tiddikjara l-invalidità parzjali tad-dritt tad-disinn.

Atti ta’ aġent jew rappreżentant. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**99.** (1) Dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin japplikaw meta applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta’ disinn issir minn persuna li tkun aġent jew rappreżentant ta’ persuna li tkun il-proprjetarju tad-disinn f’pajjiż tal-Konvenzjoni.

(2) Il-proprjetarju jista’ b’ċitazzjoni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili:

(*a*) jitlob dikjarazzjoni ta’ invalidità tar-reġistrazzjoni, jew

(*b*) jitlob ir-rettifika tar-reġistru sabiex jissostitwixxi l-isem tiegħu bħala l-proprjetarju tad-disinn reġistrat.

(3) Il-proprjetarju jista’ jirrestrinġi kull użu tad-disinn f’Malta li ma jkunx awtorizzat minnu.

(4) Is-subartikoli (2) u (3) ma għandhomx japplikaw jekk, jew sal-limitu li, aġent jew ir-rappreżentant juri li l-azzjonijiet tiegħu kienu awtorizzati minn proprjetarju.

(5) Applikazzjoni taħt is-subartikolu (2) għandha ssir matul it-tliet snin minn meta l-proprjetarju jsir jaf bir-reġistrazzjoni; u ebda ordni ma tista' ssir taħt is-subartikolu (3) dwar xi użu li fih il-proprjetarju ma jkunx ħa azzjoni għal żmien kontinwu ta' tliet snin jew aktar.

X'jiġri meta jinżamm is-skiet. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**100.** (1) Tista' ma tinbediex azzjoni għall-invalidità meta l-persuna li tkun qed tagħmel l-azzjoni għalkemm tkun taf bl-użu ta' disinn reġistrat f'Malta tkun żammet is-skiet għal żmien kontinwu ta' ħames snin dwar dak l-użu.

(2) Fil-każ imsemmi fis-subartikolu (1), meta l-azzjoni tinġieb abbażi ta' disinn reġistrat preċedenti jew ta' dritt akkwiżit preċedentement, il-proprjetarju tad-disinn reġistrat ma jkunx intitolat jopponi l-użu tad-disinn preċedenti jew, skond il-każ, l-esplojtazzjoni tad-dritt preċedenti, minkejja li d-disinn jew dritt preċedenti jista' ma jiġix aktar invokat dwar id-disinn reġistrat tiegħu.

## TAQSIMA XXI
## DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI U OĦRAJN SUPPLIMENTARI

Kif jinżamm u x'ikun fih ir-reġistru. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**101.**(1)(a)Il-Kontrollur għandu jżomm reġistru ta' disinni.

(*b*) Referenzi fit-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att għal "ir-reġistru" huma għal dak ir-reġistru; u referenzi għal reġistrazzjoni, partikolarment, fil-frażi "disinn reġistrat", huma, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għal reġistrazzjoni f'dak ir-reġistru.

(2) Għandhom jitniżżlu fir-reġistru skond dan l-Att:

(*a*) disinni reġistrati;

(*b*) partikolaritajiet rilevanti ta' operazzjonijiet reġistrabbli li jolqtu disinn reġistrat, inklużi:

(i) id-data ta' reġistrazzjoni kif stabbilita skond l-artikoli 89 u 95,

(ii) id-data ta' priorità (jekk ikun hemm) kif konsentita konformi ma' pretensjoni dwar dritt ta' priorità magħmul taħt l-artikolu 91 jew 92,

(iii) l-isem u l-indirizz tal-proprjetarju, u

(*ċ*) fil-każ ta' assenjazzjoni ta' disinn reġistrat:

(i) l-isem u l-indirizz tal-prokuratur, u

(ii) d-data ta' l-assenjazzjoni;

(*d*) fil-każ ta' l-għoti ta' liċenza taħt disinn reġistrat:

(i) l-isem u l-indirizz tad-detentur ta' liċenza,

(ii) meta l-liċenza tkun waħda limitata, deskrizzjoni tal-limitazzjoni,

(iii) meta l-liċenza tkun liċenza esklużiva, dak il-fatt,

(iv) għal kemm żmien iddum il-liċenza jekk dan ikun jew jiġi aċċertat bħala perjodu definittiv, u

(v) d-data meta titniżżel ir-reġistrazzjoni;

(*e*) fil-każ ta' qorti jew ta' xi awtorità kompetenti oħra li tittrasferixxi disinn reġistrat:

(i) l-isem u l-indirizz ta' min isirlu t-trasferiment,

(ii) id-data ta' l-ordni, u

(iii) id-data meta ssir ir-reġistrazzjoni;

(*f*) fil-każ ta' trasferiment ta' disinn reġistrat b'testment, jew xort'oħra b'wirt:

(i) l-isem u l-indirizz tal-persuna jew persuni li ssir favur tagħhom id-disposizzjoni testamentarja, jew jgħaddi l-wirt jekk ikun hemm, u

(ii) id-data tad-disposizzjoni testamentarja jekk ikun hemm, u tal-mewt tad- detentur ta' qabel;

(*g*) fil-każ ta' amalgamazzjoni, il-ħtiġiet speċifikati għar-reġistrazzjoni ta' assenjazzjoni; u

(*h*) kull ħaġ'oħra li għandha x'taqsam ma' disinni reġistrati hekk kif il-Kontrollur jista' jqis li jkun meħtieġ.

Spezzjoni pubblika tar-reġistru.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**102.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjoni ta' l-artikolu 105, ir-reġistru għandu jkun miftuħ għall-ispezzjoni pubblika fl-Uffiċċju matul dak il-ħin li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Uffiċċju.

(2) Tista' ssir riċerka fir-reġistru dwar disinn jew disinni b'xi wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

(*a*) persuna li jkollha interess tista' wara li tħallas l-ammont stipulat tmur l-Uffiċċju u tagħmel riċerka għal xi disinn jew disinni. Jekk il-persuna jew persuni li jkunu qed jagħmlu r-riċerka jitolbu kopji ta' xi reġistrazzjoni relatata, estratti mir-reġistru jew kopji tad-disinn, kemm awtentikati jew mhux awtentikati, dawn għandhom jiġu pprovduti wara li jitħallas l-ammont stipulat;

(*b*) persuna li jkollha interess tista' wara li tħallas l-ammont preskritt titlob bil-miktub lill-Uffiċċju biex issir riċerka dwar xi disinn jew disinni. Jekk il-persuna jew persuni li jkunu qed jitolbu r-riċerka jkunu jeħtieġu kopji ta' xi reġistrazzjoni relatata, estratti mir-reġistru jew kopji tad-disinn, kemm awtentikati jew mhux awtentikati, dawn għandhom jiġu pprovduti wara li jitħallas id-dritt preskritt.

Rettifika jew korrezzjoni tar-reġistru.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**103.** (1) Persuna li jkollha interess biżżejjed tista' tapplika għar-rettifika ta' xi żball jew omissjoni fir-reġistru:

Iżda applikazzjoni għal rettifika tista' ma ssirx dwar xi ħaġa li tkun tolqot il-validità tar-reġistrazzjoni ta' disinn.

(2) Iżda applikazzjoni għal rettifika tista' ssir sew lill-

Kontrollur jew b'ċitazzjoni kontra l-Kontrollur u kull persuna oħra li jkollha interess quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla:

Iżda jekk ikun hemm proċedimenti li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni in kwistjoni pendenti quddiem il-Qorti:

(*a*) l-applikazzjoni għandha ssir permezz ta' rikors quddiem il-Qorti fl-atti tal-proċedimenti; u

(*b*) jekk l-applikazzjoni issir lill-Kontrollur, huwa jista' f'kull stadju tal-proċedimenti jordna lill-applikant jirreferixxi l-kwistjoni lill-Qorti skond is-subartikolu (2).

(3) Ħlief meta l-Kontrollur jew il-Qorti jordnaw xort'oħra, l-effett tar-rettifika tar-reġistru għandu jkun li l-iżball jew l-ommissjoni in kwistjoni għandhom jitqiesu bħala li qatt ma saru.

(4) Il-Kontrollur jista', meta jiġi hekk mitlub mill-proprjetarju ta' disinn reġistrat, jew detentur ta' liċenza, jagħmel kull tibdil fl-isem jew l-indirizz tiegħu kif ikun reġistrat fir-reġistru.

(5) Il-Kontrollur jista' jneħħi mir-reġistru kull ma jidhirlu li jkun temm milli jkollu xi siwi.

Setgħa li jintalab l-użu ta' formoli.
*Miżjud:*
*IX. 2003.116.*

**104.** Il-Kontrollur jista' jeħtieġ l-użu ta' dawk il-formoli li huwa jista' jordna għal kull skop li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni ta' disinn jew ta' xi proċedura oħra fis-setgħa tiegħu taħt dan l-Att.

Informazzjoni dwar applikazzjonijiet u disinni reġistrati.
*Miżjud:*
*IX. 2003.116.*

**105.** (1) Wara l-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' disinn, il-Kontrollur għandu, meta jiġi hekk mitlub, jipprovdi lil persuna b'dik l-informazzjoni u jippermettilha tispezzjona kull dokument ippreżentat jew miżmum fl-Uffiċċju li jkollu x'jaqsam mad-disinn reġistrat, skond ma jista' jiġi speċifikat fit-talba.

Kull talba bħal dik għandu jkollha magħha dak il-ħlas li jista' jkun stipulat.

(2) Qabel il-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' disinn, dawk id-dokumenti jew informazzjoni li jikkostitwixxu jew li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni, ma għandhomx jiġu ppubblikati mill-Kontrollur jew ikunu disponibbli għall-pubbliku ħlief bil-kunsens ta' l-applikant.

(3) Il-Kontrollur ma għandux ikun obbligat jippermetti l-ispezzjon ta' xi dokument bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1) kemm-il darba huwa ma jkunx temm xi proċedura jew l-istadju fil-proċedura li jkun rilevanti għad-dokument in kwistjoni, li huwa jkun meħtieġ jew permess li jwettaq taħt l-Att.

(4) Id-dritt ta' spezzjon taħt is-subartikolu (1) ma japplika għal:

(*a*) ebda dokument sa żmien erbatax-il ġurnata wara li jkun ġie ppreżentat fl-Uffiċċju;

(*b*) ebda dokument imħejji fl-Uffiċċju unikament bil-għan li jintuża hemmhekk;

(*ċ*) ebda dokument mibgħut lill-Uffiċċju, kemm fuq talba ta' l-istess uffiċċju jew xort'oħra, għall-ispezzjon u

treġġigħ lura sussegwenti lill-mittent;

(*d*) ebda talba għal informazzjoni taħt dan l-artikolu;

(*e*) ebda dokument maħruġ jew riċevut mill-Uffiċċju li l-Kontrollur iqis li għandu jiġi ttrattat bħala wieħed kunfidenzjali;

(*f*) ebda dokument jew parti minn dokument li fl-opinjoni tal-Kontrollur imaqdar lil xi persuna hekk li x'aktarx jagħmlilha ħsara; jew

(*g*) ebda dokument ippreżentat flimkien ma' jew mibgħut lill-Uffiċċju qabel ma dan l-Att ikun sar liġi.

Esklużjoni ta' responsabbiltà dwar atti uffiċjali. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**106.** (1) Ir-reġistrazzjoni mill-Kontrollur ma għandhiex titqies bħala garanzija minnu tal-validità tar-reġistrazzjoni ta' disinn taħt dan l-Att jew taħt xi trattat, konvenzjoni, arranġament jew qbil li Malta tkun parti fih.

(2) Il-Kontrollur ma jġorr fuqu ebda responsabbiltà minħabba jew f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi eżami meħtieġ jew awtorizzat b'dan l-Att, jew xi trattat, konvenzjoni, arranġament jew qbil, jew rapport jew proċediment ieħor li joħroġ minn dak l-eżami.

(3) Ma għandha ssir ebda azzjoni kontra uffiċjal tal-Kontrollur dwar xi ħaġa li, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kontrollur ma jkunx responsabbli għaliha.

Ir-reġistrazzjoni tkun prova ta' validità *prima facie*. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**107.** Fil-proċedimenti legali kollha li għandhom x'jaqsmu ma' disinn reġistrat (inklużi proċedimenti għar-rettifika tar-reġistru) ir-reġistrazzjoni ta' persuna bħala proprjetarju ta' disinn għandha tkun prova *prima facie* tal-validità tar-reġistrazzjoni oriġinali u ta' kull assenjazzjoni sussegwenti jew trasmissjoni oħra tagħhom.

Ċertifikazzjoni ta' validità ta' reġistrazzjoni kontestata. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**108.** Jekk fi proċedimenti quddiem il-Qorti l-validità tar-reġistrazzjoni ta' disinn tiġi kkontestata u l-Qorti jirriżultalha li d-disinn ikun reġistrat validament, il-Qorti għandha tiddeċiedi skond dan.

Dritt tal-Kontrollur li jidher fi proċedimenti li jinvolvu r-reġistru. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**109.** (1) Fi proċedimenti quddiem il-Qorti li jinvolvu talba -

(*a*) għar-revoka tar-reġistrazzjoni ta' disinn,

(*b*) għal dikjarazzjoni ta' l-invalidità tar-reġistrazzjoni ta' disinn, jew

(*ċ*) għar-rettifika tar-reġistru,

il-Kontrollur għandu jiġi avżat bil-proċedimenti u għandu jkun intitolat jidher u li jinstama' jekk ikun hekk ordnat jagħmel mill-Qorti.

(2) Kemm-il darba ma jiġix xort'oħra ordnat mill-Qorti, il-Kontrollur jista', minflok ma jidher, jippreżenta fl-inkartament tal-kawża dikjarazzjoni bil-miktub minnu ffirmata, fejn jingħata kull partikular dwar -

(*a*) il-proċedimenti li jkun qed jittratta f'dak li għandu x'jaqsam mal-punt in kwistjoni,

(*b*) ir-raġunijiet ta' kull deċiżjoni relattiva minnu mogħtija,

(*ċ*) il-prattika ta' l-Uffiċċju f'każijiet simili, jew

(*d*) kull ħaġa oħra rilevanti għall-punti in kwistjoni u li hu jkun jaf bihom bħala Kontrollur hekk kif huwa jista' jqis li jkun adatt,

u d-dikjarazzjoni għandha titqies bħala li tifforma parti mill-provi fil-proċedimenti.

Appelli mid-deċiżjoni tal-Kontrollur. *Miżjud: IX. 2003.116.* Kap. 12

**110.** (1) Jista' jsir appell minn kull deċiżjoni tal-Kontrollur taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att quddiem il-Qorti ta' l-Appell kompost bil-mod provdut fl-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'rikors li jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Kontrollur.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) "deċiżjoni" tfisser att, li ma jkunx xi wieħed minn dawk l-atti li jista' jkun stipulat b'regolamenti, magħmul mill-Kontrollur fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni vestita fih b'dan l-Att jew taħtu.

(3) Il-Ministru bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw l-appelli quddiem il-Qorti ta' l-Appell taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att, u li jkunu jagħtu skala ta' spejjeż u ħlasijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawk l-appelli.

Hinijiet tax-xogħol u ġranet tax-xogħol. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**111.** (1) Il-Kontrollur jista' jagħti ordnijiet li jkunu jispeċifikaw il-ħinijiet tax-xogħol ta' l-Uffiċċju għall-fini ta' l-operazzjoni mill-pubbliku ta' kull xogħol taħt dan l-Att, u l-ġranet li jkunu ġranet tax-xogħol għal dak l-għan.

(2) Ix-xogħol li jsir f'ġurnata tax-xogħol wara l-ħinijiet tax-xogħol speċifikati, jew f'xi ġurnata li ma tkunx ġurnata tax-xogħol, għandu jitqies li jkun sar fil-ġurnata tax-xogħol li jmiss; u meta ż-żmien biex issir xi ħaġa taħt dan l-Att jiskadi f'ġurnata li ma tkunx ġurnata tax-xogħol, dak iż-żmien għandu jiġi estiż għall-ġurnata tax-xogħol li tmiss.

(3) Ordnijiet taħt dan l-artikolu jistgħu jagħmlu disposizzjonijiet differenti għal klassijiet ta' xogħol differenti u dawn għandhom jiġu ppubblikati bil-mod stipulat.

Għarfien ta' aġenti. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**112.** (1) Meta bis-saħħa tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att xi att ikollu jsir minn jew lil xi persuna f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi proċedimenti jew xi ħaġa taħt dan l-Att, l-att ikun jista' jsir, taħt u skond ir-regolamenti, minn jew lil aġent ta' dik il-persuna debitament awtorizzata bil-miktub:

Iżda l-Kontrollur jista' f'xi każ partikolari jeħtieġ il-firma personali jew il-preżenza ta' l-aġent jew tal-persuna li tkun qed tawtorizzah jagħmilha ta' aġent.

(2) Jekk l-applikant ma jkollux ir-residenza ordinarja jew il-post tax-xogħol prinċipali tiegħu f'Malta, huwa għandu jawtorizza lil aġent li jkollu ir-residenza ordinarja jew jew il-post tax-xogħol prinċipali tiegħu f'Malta sabiex jirrappreżentah bil-mod stipulat fis-subartikolu (1):

Iżda dan is-subartikolu ma għandux japplika mill-1 ta' Mejju, 2004 għal applikant li jkollu r-residenza ordinarja jew il-

post tax-xogħol prinċipali tiegħu f’xi Stat Membru.

**TAQSIMA XXII**
**KSUR**

**113.** (1) Persuna li bi ksur ta’ l-artikolu 75 tesplojta disinn reġistrat għandha tkun responsabbli għad-danni li jġarrab il-proprjetarju tad-dritt tad-disinn jew id-detentur ta’ liċenza.

Azzjoni dwar ksur. *Miżjud: IX. 2003.116.*

(2) Il-proċedimenti dwar ksur għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti Ċivili, Prim’Awla, u dawn ma jistgħux jinbdew wara ħames snin mid-data meta l-parti aggravata tkun saret taf bil-ksur u l-identità tal-kontravenjent allegat.

(3) F’azzjoni dwar ksur għandhom ikunu disponibbli għall-attur dawk ir-rimedji kollha bħalma jeżistu dwar il-ksur ta’ xi dritt ta’ proprjetà ieħor.

**114.** (1) Il-Qorti tista’, iktar minn hekk, fuq talba ta’ l-attur, tordna li l-makkinarju jew mezzi industrijali oħra jew apparat ieħor użat bi ksur tad-disinn, il-prodotti kontravenjenti, u l-apparat maħsub għall-produzzjoni tagħhom, għandhom jiġu kkonfiskati, għal kollox jew parzjalment, u kkunsinnati lill-proprjetarju tad-disinn jew tali persuna oħra li l-Qorti tista’ tordna, mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor.

Ordni għall-konsenja ta’ makkinarju, prodotti jew materjal kontravenjenti. *Miżjud: IX. 2003.116.*

(2) Ma tistax issir azzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1) wara tmiem iż-żmien ħames snin mid-data meta jkun sar il-prodott kontravenjenti ħlief kif ipprovdut f’dan is-subartikolu li ġej.

(3) Meta matul dak iż-żmien kollu jew parti minnu l-proprjetarju tad-disinn reġistrat ma jkunx jista’ minħabba fi frodi jew ħabi jiskopri l-fatti li jintitolawh biex jieħu azzjoni dwar xi ordni, l-applikazzjoni tista’ ssir f’kull waqt qabel tmiem żmien ħames snin mid-data meta huwa seta’ b’diliġenza raġonevoli skopra dawk il-fatti.

**115.** (1) Meta oġġetti, materjal jew prodotti kontravenjenti jkunu ġew ċeduti konformement ma’ ordni taħt l-artikolu 144, tista’ tibġieb quddiem il-Qorti azzjoni permezz ta’ ċitazzjoni kontra kull persuna li jkollha interess fil-prodotti minn xi parti interessata biex:

Ordni dwar it-tneħħija ta’ makkinarju, prodotti jew materjal kontravenjenti. *Miżjud: IX. 2003.116.*

(*a*) jikseb ordni li dawn jiġu meqruda jew ikkonfiskati favur dik il-persuna li l-Qorti tista’ tqis adatta, jew

(*b*) tingħata deċiżjoni li ma għandu jsir ebda ordni bħal dak.

(2) Fil-konsiderazzjoni tad-deċiżjoni tagħha, il-Qorti għandha tqis jekk rimedji oħra disponibbli f’azzjoni dwar ksur tad-disinn reġistrat ikunux adegwati biex jikkompensaw lill-proprjetarju u lid-detentur ta’ liċenza bil-għan li jipproteġi l-interessi tagħhom.

(3) Persuna li jkollha interess għandha tkun intitolata li:

(*a*) tidher fi proċedimenti dwar ordni taħt dan l-artikolu, kemm jekk tkun kemm jekk ma tkunx, ġiet notifikata b’avviż, u

(*b*) tappella kontra kull ordni magħmula, kemm jekk tkun kemm jekk ma tkunx, dehret quddiem l-ewwel qorti, u kull ordni bħal dak ma għandux ikollu seħħ sakemm tmiem l-perjodu li fih jista' jiġi ppreżentat appell jew, jekk qabel tmiem dak iż-żmien ikun ġie hekk ippreżentat appell, sakemm il-proċedimenti ta' l-appell jkunu ġew finalment deċiżi jew abbandunati.

(4) Meta jkun hemm aktar minn persuna waħda interessata fil-prodotti, il-Qorti għandha tagħmel dak l-ordni li tqis adatt.

(5) Jekk il-Qorti tiddeċiedi li ma għandu jsir ebda ordni taħt dan l-artikolu, il-persuna li l-prodotti kienu fil-pussess, kustodja jew kontroll tagħha qabel ma jkunu ġew ċeduti għandha tkun intitolata għat-treġġigħ lura tagħhom.

Rimedju għal theddid bla bażi ta' proċedimenti dwar xi ksur.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**116.** (1) Meta persuna thedded lil persuna oħra bi proċedimenti dwar ksur ta' disinn reġistrat li ma jkunux dawk li hemm provdut dwarhom f'dan l-Att, kull persuna aggravata tista' tibda proċedimenti għall-ħelsien taħt dan l-artikolu b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla.

(2) Il-ħelsien li jistgħu isiru l-proċedimenti dwaru hu dan kollu jew x'uħud minn dawn li ġejjin -

(*a*) dikjarazzjoni li t-theddid ma jkunx ġustifikat,

(*b*) inibizzjoni kontra t-tkomplija tat-theddid,

(*ċ*) danni dwar kull telf li l-attur jista' jkun ġarrab bit-theddid,

u l-attur ikun intitolat għal dak il-ħelsien kemm-il darba l-konvenut ma jġibx prova li l-atti li dwarhom il-proċedimenti kienu mhedda ma jikkostitwux, jew dawn isiru ma jkunux kieku jikkostitwixxu, ksur tad-disinn reġistrat in kwistjoni.

(3) Meta l-konvenut iġib prova li l-atti li dwarhom il-proċedimenti kienu mhedda jikkostitwixxu jew ikunu kieku jikkostitwixxu ksur tad-disinn reġistrat, l-attur għandu madankollu jkun intitolat għall-ħelsien jekk huwa jġib prova li r-reġistrazzjoni tad-disinn tkun waħda invalida jew li din tista' tiġi revokata.

(4) In-notifika sempliċi li disinn ikun reġistrat, jew li tkun saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, ma jikkostitwix theddida ta' proċedimenti għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

Użu mhux awtorizzat ta' disinn reġistrat.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**117.** (1) Persuna li bil-għan li tagħmel qligħ għaliha nnifisha jew għal xi persuna oħra, jew li bil-ħsieb li tikkaġuna xi telf lil persuna oħra, u mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju, bi ksur ta' l-artikolu 75 tesplojta disinn reġistrat tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u tista', meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin jew multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Persuna akkużata b'reat kontra dan l-artikolu tista' ġġib prova b'difiża li kienet raġonevolment taħseb li l-użu tad-disinn bil-mod kif dan ikun ġie użat, jew kif kellu jintuża, ma kienx ksur tad-disinn reġistrat.

**118.** (1) Persuna li għax tkun taf jew ikollha tassew għaliex taħseb li informazzjoni tkun falza -

Falsifikazzjoni ta' reġistru.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

(*a*) tagħmel, jew iġġiegħel li ssir, iskrizzjoni falza fir-reġistru ta' disinni; jew

(*b*) tagħmel, jew iġġiegħel li ssir, xi ħaġa li b'mod falz turi li tkun kopja ta' iskrizzjoni fir-reġistru, jew

(*ċ*) tipproduċi jew tagħti jew iġġiegħel li tiġi prodotta bi prova jew li tingħata bħala xiehda xi ħaġa bħal dik,

tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(2) Persuna li tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

**119.** (1) Kull min iqiegħed f'ċirkolazzjoni, jew ibigħ xi prodott, li b'mod falz ikun juri li disinn applikat jew inkorporat f'xi prodott mibjugħ minnu jkun wieħed reġistrat, ikun ħati ta' reat kontra dan is-subartikolu u, meta jinsab ħati, jista' jeħel multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira.

Turija b'qerq ta' disinn bħala wieħed reġistrat.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna li tbigħ prodott li jkollu ttimbrat, imnaqqax jew mitbugħ fuqu jew xort'oħra applikat fuqu l-kelma "reġistrat", jew kull kelma oħra li tkun tesprimi jew timplika li d-disinn applikat fuq il-prodott ikun wieħed reġistrat, għandha titqies għall-finijiet ta' dan l-artikolu li tkun qed tfisser li d-disinn applikat fuq il-prodott ikun wieħed reġistrat.

(2) Kull persuna, li wara li jiskadi d-dritt f'disinn reġistrat, timmarka prodott li d-disinn ikun ġie applikat fuqu bil-kelma "reġistrat", jew b'xi kelma jew kliem li jimplikaw li jkun hemm dritt sussistenti fid-disinn taħt dan l-Att, jew tikkaġuna prodott bħal dak li jiġi hekk immarkat, tkun ħatja ta' reat kontra dan is-subartikolu u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira.

**120.** (1) Persuna ma għandhiex, mingħajr l-awtorità tal-President, tuża f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi negozju ebda tagħmir, emblema jew titolu b'tali mod li jista' jitqies li jwassal lil wieħed jaħseb li l-persuna tkun impjegata mill-President jew li tfornih b'oġġetti jew servizzi.

Użu mhux awtorizzat ta' xi tagħmir, emblemi, eċċ.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

(2) Persuna li tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn tliet elef lira.

**121.** Il-Qorti tista', iktar minn hekk, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 117, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tordna li l-makkinarju jew kull mezz jew tagħmir ieħor industrijali użat bi ksur tad-drittijiet tal-proprjetarji tad-disinni, il-prodotti kontravenjenti, u l-apparat maħsub għall-produzzjoni tagħhom, jiġi kkonfiskat, għal kollox jew f'parti minnu, u kkunsinnat lid-detentur tad-disinn, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor għall-ħelsien taħt dan l-Att.

Konsenja ta' makkinarju, oġġetti kontravenjenti, eċċ.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

Setgħat tal-Maġistrati.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**122.** Filwaqt li jkunu qed isiru proċedimenti dwar xi wieħed mir-reati msemmija f'din it-Taqsima, jekk Maġistrat ikun sodisfatt bl-informazzjoni ġuramentata li jkun hemm tassew raġuni li jiġi suspettat li xi merkanzija jew oġġetti li permezz tagħhom, jew f'dak li għandu x'jaqsam magħhom, ikun sar ir-reat, ikunu jinsabu f'xi dar jew fond ta' l-akkużat, jew ikunu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu f'xi post ieħor, huwa jista', b'ordni li tkun iġġib il-firma tiegħu, jordna lil uffiċċjal tal-Pulizija li jissemma fl-ordni, jidħol f'xi dar, fond jew post, li wkoll għandhom jissemmew f'dak il-mandat, u biex hemm ifittxu, jelevaw u jneħħu dik il-merkanzija jew dawk l-oġġetti.

Meta sid l-oġġetti ma jkunx magħruf.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**123.** Jekk sid ta' xi merkanzija jew oġġetti, li kieku kellu jinsab ħati ta' xi wieħed mir-reati msemmija f'din it-Taqsima, kien jista' jeħel il-konfiska, ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinsab, kull Maġistrat jista' bl-istess mod u fiċ-ċirkostanzi meħtieġa fl-artikolu 122, joħroġ dik l-ordni.

Konfiska ta' oġġetti elevati.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**124.** Il-merkanzija u l-oġġetti hekk elevati għandhom jinġiebu quddiem is-seduta tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, u dik il-Qorti għandha tistabbilixxi kemm dawn ikunu jistgħu jiġu kkonfiskati taħt dan l-Att.

Proċedura meta s-sid ma jkunx magħruf.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**125.** (1) Fil-każ imsemmi fl-artikolu 123, il-Qorti għandha tordna li jinħarġu l-bandi li għandhom jiġu ppubblikati darbtejn, b'intervall ta' mill-inqas tmenin ġurnata, fil-Gazzetta, u li jiġu mwaħħlin fid-daħla ta' l-edifiċċju tal-bini tal-Qorti, u f'kull post ieħor li l-Qorti tista' tqis xieraq, fejn jiġi ddikjarat li l-merkanzija jew l-oġġetti elevati għandhom jiġu kkonfiskati, kemm-il darba fil-ħin u l-post imsemmija fil-bandi s-sid ta' dik il-merkanzija jew oġġetti jew xi persuna oħra interessata f'dik il-merkanzija jew oġġetti ma tattendix quddiem il-Qorti fil-ħin u l-post indikati fil-bandi u tgħid għaliex ma għandux isir il-kuntrarju. Il-persuna li mill-pussess tagħha jkunu ġew elevati l-merkanzija jew l-oġġetti, għandha wkoll, meta jkun magħruf fejn hija tinsab, tiġi notifikata bil-bandi.

(2) Jekk is-sid jew xi persuna f'ismu, jew xi persuna oħra interessata f'dik il-merkanzija jew dawk l-oġġetti, tonqos milli tattendi fil-ħin u l-post imsemmija fil-bandi biex tgħid għaliex m'għandux isir il-kuntrarju, il-Qorti tkun tista' tordna li dik il-merkanzija jew dawk l-oġġetti jew xi parti minnhom għandhom jiġu kkonfiskati.

Għoti ta' kumpens lil partijiet li jkunu bonafidi.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**126.** Il-Qorti tista' tordna li l-merkanzija jew l-oġġetti hekk konfiskati għandhom jinqerdu jew li jsir minnhom, u tista' wkoll tordna li, mir-rikavat nett li jista' jiġi realizzat mit-tneħħija ta' dik il-merkanzija jew dawk l-oġġetti u sa l-ammont tagħhom, kull persuna li, għax kienet bonafidi, sofriet danni mill-konfiska, għandha tingħata kumpens dwar kull telf li hija tkun ġarrbet.

Preskrizzjoni ta' azzjonijiet kriminali.
*Miżjud: IX. 2003.116.*

**127.** Azzjonijiet kriminali taħt dan l-Att għandhom jiġu preskritti bl-iskadenza ta' tliet snin mill-ġurnata meta jkun sar l-att li jikkostitwixxu r-reat, jekk il-persuna li l-att ikun sar bi preġudizzju tagħha, ma kenitx taf bih minn qabel; fil-każijiet l-oħra kollha dik l-azzjoni għandha tiġi preskritta bl-iskadenza ta' sena mill-ġurnata minn meta dik il-persuna saret taf b'dak l-att.

**128.** Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull persuna li tfittex għad-danni b'konsegwenza ta' kull att li jikkostitwixxi reat.

Drittijiet għal danni mhux milquta. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**129.** Ma għandu jinbeda ebda proċediment kontra xi persuna fis-servizz ta' xi persuna oħra, jekk, huwa juri li b'mod bonafidi, huwa aġixxa b'mod ubbidjenti għall-istruzzjonijiet tal-prinċipal tiegħu, u, fl-interrogazzjonijiet mill-Pulizija, jagħti informazzjoni sħiħa li jkollha x'taqsam mal-prinċipal tiegħu u mal-fatti tal-każ skond ma huwa jkun jafhom.

Prinċipal u impjegat. *Miżjud: IX. 2003.116.*

## TAQSIMA XXIII
## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

**130.** Fi proċedimenti ċivili taħt dan l-Att jekk tqum kwistjoni dwar l-użu li jkun sar minn disinn reġistrat, il-piż tal-prova li dak l-użu partikolari jkun sar jaqa' fuq il-proprjetarju.

Fuq min taqa' l-prova dwar l-użu ta' disinn. *Miżjud: IX. 2003.116.*

**131.** Azzjonijiet ċivili taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att għandhom jiġu preskritti meta jiskadu ħames snin fil-każijiet kollha li fihom ma jkun stabbilit ebda perjodu ieħor f'dan l-Att li fih jistgħu jinġiebu dawk l-azzjonijiet.

Preskrizzjoni ta' azzjonijiet ċivili. *Miżjud: IX. 2003.116.*

## TAQSIMA XXIV
## REGOLAMENTI

**132.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali jista' jagħmel regolamenti sabiex it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att ikunu jistgħu jiġu amministrati aħjar, billi jagħmel dawk ir-regoli li jkunu meħtieġa bid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija partijiet ta' dan l-Att, billi jordna kull ħaġa awtorizzata jew meħtieġa b'xi disposizzjoni ta' dan l-Att li tkun preskritta, u ġeneralment biex tiġi regolata l-prattika u l-proċedura taħt l-imsemmija partijiet, u partikolarment jistgħu isiru provvedimenti:

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti. *Miżjud: IX. 2003.116.*

(*a*) dwar it-tifsir ta' kliem u frażijiet użati f'dan l-Att;

(*b*) dwar l-għoti, rifjut jew ċessjoni ta' disinn reġistrat;

(*ċ*) dwar il-pattijiet ta' tiġdid ta' disinn reġistrat;

(*d*) dwar il-mod kif jiġu ppreżentati applikazzjonijiet u dokumenti oħra kif ukoll il-ħlasijiet ta' drittijiet rispettivi kollha u drittijiet oħra taħt it-Taqsimiet imsemmija ta' dan l-Att;

(*e*) li jkunu jeħtieġu u jirregolaw it-traduzzjoni ta' dokumenti u l-preżentata u l-awtentikazzjoni ta' kull traduzzjoni;

(*f*) dwar in-notifika ta' dokumenti;

(*g*) dwar affarijiet li għandhom x'jaqsmu mar-reġistru ta' disinni, partikolarment dwar:

(i) l-emenda ta' partikolaritajiet reġistrati li għandhom x'jaqsmu ma' liċenza biex hekk jirriflettu kull bdil fil-pattijiet tal-liċenza, u

(ii) it-tneħħija ta' dawk il-partikolaritajiet mir-reġistru;

(*h*) dwar il-klassifikazzjoni ta' disinni reġistrati;

(*i*) li jawtorizzaw ir-rettifika ta' irregolaritajiet fil-proċedura;

(*j*) dwar proċeduri, sanzjonijiet u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Taqsimiet ta' dan l-Att;

(*k*) li jkunu jippreskrivu t-termini ta' żmien dwar kull ħaġa meħtieġa li ssir f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi proċediment taħt l-imsemmija Taqsimiet ta' dan l-Att;

(*l*) li jkunu jipprovdu dwar l-estensjoni ta' kull terminu ta' żmien hekk stipulat, jew speċifikat mill-Kontrollur kemm jekk dak it-terminu ta' żmien ikun diġà skada jew ma jkunx; u

(*m*) li tirregola d-disposizzjonijiet amministrattivi u oħrajn supplimentari.

(2) Il-Ministru jista' wkoll minn żmien għal żmien jagħmel regolamenti li ma jkunux inkonsistenti ma' l-imsemmija Taqsimiet ta' dan l-Att u li jkunu jordnaw kull ħaġa li b'dan l-Att tkun meħtieġa jew permessa li tiġi stipulata jew li tkun meħtieġa jew mixtieqa li tiġi stipulata għat-twettiq jew l-għoti ta' seħħ lil dan l-Att, jew biex isir kull xogħol li għandu x'jaqsam ma' l-Uffiċċju tal-Kontrollur.

(3) Il-Ministru jista' wkoll jagħmel regolamenti li jagħtu seħħ f'Malta lid-disposizzjonijiet ta' xi istrument ta' reġistrazzjoni ta' disinn internazzjonali jew reġjonali jew ta' kull ftehim relatat li Malta ssir parti fih.

Tħassir ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u disposizzjoni transitorja.
*Miżjud: IX. 2003.116.*
Kap. 29.

**133.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali qiegħda b'dan tiġi mħassra.

(2) F'dan l-artikolu:

"disinn reġistrat eżistenti" tfisser disinn, reġistrat taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali minnufih qabel il-bidu fis-seħħ tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att;

"il-liġi l-qadima" tfisser l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali u kull liġi jew regola oħra tal-liġi li tapplika għal disinni reġistrati eżistenti minnufih qabel il-bidu fis-seħħ tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att;

"reġistru l-ġdid" tfisser ir-reġistru miżmum taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att;

"reġistru preċedenti" tfisser ir-reġistru miżmum taħt il-liġi l-qadima.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(*a*) applikazzjoni għandha tiġi ttrattata bħala pendenti fil-bidu fis-seħħ tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att jekk din tkun saret imma mhux finalment deċiża

qabel dak il-bidu fis-seħħ; u

(*b*) id-data meta din tkun saret għandha titqies bħala d-data meta tkun saret il-preżentata taħt il-liġi l-qadima.

Disinni reġistrati eżistenti.

(4) Disinni reġistrati eżistenti għandhom, fil-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, jiġu trasferiti fir-reġistru l-ġdid u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, għandu jkollhom seħħ daqslikieku dawn kienu reġistrati taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att.

Proċedimenti taħt il-liġi l-qadima.

(5) Proċedimenti taħt il-liġi l-qadima li jkunu għadhom pendenti fil-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu għandhom jiġu ttrattati taħt il-liġi l-qadima u fir-reġistru l-ġdid għandu jsir kull bdil meħtieġ konformi ma' dawk il-proċedimenti.

Effetti ta' ksur dwar ir-reġistrazzjoni.

(6) (*a*) Mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-artikoli 75 u 76 ta' dan l-Att għandhom japplikaw f'dak li għandu x'jaqsam ma' disinn reġistrat eżistenti u bla ħsara għall-paragrafu (*b*), l-artikolu 113 għandu jkun japplika f'dak li għandu x'jaqsam mal-ksur ta' disinn reġistrat eżistenti li jsir wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(*b*) Wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, ma għandux jitqies bħala ksur -

(i) ta' disinn reġistrat eżistenti, jew

(ii) ta' disinn reġistrat li l-elementi distintivi tiegħu jkunu l-istess jew sostanzjalment l-istess bħal dawk ta' disinn reġistrat eżistenti,

li jitkompla jsir xi użu bħal dak li ma kienx jammonta għal ksur tad-disinn reġistrat eżistenti taħt il-liġi l-qadima.

Oġġetti, materjal jew prodotti kontravenjenti.

(7) L-artikolu 114 għandu japplika għal oġġetti, materjal jew prodotti kontravenjenti kemm magħmulin qabel kemm wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

Drittijiet u rimedji ta' detentur ta' liċenza.

(8) L-artikolu 86 tgħandu jkun japplika għal liċenzi mogħtija qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, imma biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ksur magħmul wara l-bidu fis-seħħ tiegħu.

Komproprjetà ta' disinn reġistrat.

(9) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 80 għandhom japplikaw sa mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu għal disinni reġistrati eżistenti li żewġ persuni jew aktar kienu minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu reġistrati dwaru bħala proprjetarji konġunti.

Assenjazzjoni, eċċ., ta' disinn reġistrat.

(10) (*a*) L-artikolu 81 għandu japplika għal operazzjonijiet u ġrajjiet li jiġru wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu f'dak li għandu x'jaqsam ma' disinni reġistrati eżistenti; u għandha tkompli tapplika l-liġi l-qadima f'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet u ġrajjiet li jiġru qabel il-bidu fis-seħħ tagħha.

(*b*) Meta, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, persuna tkun saret intitolata bl-assenjazzjoni jew it-trasmissjoni għal disinn reġistrat eżistenti imma ma tkunx irreġistrat it-titolu tagħha, kull applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' assenjazzjoni wara l-bidu fis-seħħ tiegħu għandha ssir

taħt l-artikolu 83.

Liċenzjar ta' disinn reġistrat.

(11) L-artikoli 84 u 85 għandhom japplikaw biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' liċenzi mogħtija wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

Applikazzjonijiet pendenti għal reġistrazzjoni.

(12) Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn taħt il-liġi l-qadima li tkun pendenti mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu għandha tiġi ttrattata taħt il-liġi l-qadima, u, meta reġistrat, id-disinn għandu jiġi ttrattat għall-finijiet ta' dan l-artikolu bħala disinn reġistrat eżistenti.

Konverżjoni ta' applikazzjoni pendenti.

(13) (*a*) Fil-każ ta' applikazzjoni pendenti għal reġistrazzjoni ppreżentata qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-applikant jista' javża lill-Kontrollur fejn jitolbu li jiġi stabbilit dwar kemm il-marka tista' tiġi reġistrata skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att.

(*b*) Flimkien ma' l-avviż għandu jkun hemm il-ħlas adatt u dan għandu jingħata mhux iżjed tard minn sitt xhur wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(*ċ*) Ġaladarba jingħata l-avviż dan għandu jkun irrevokabbli u għandu jkollu l-effett li l-applikazzjoni għandha tiġi ttrattata daqslikieku tkun ġiet magħmula minnufih wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

Disinni reġistrati skond il-klassifikazzjoni l-qadima.

(14) Il-Kontrollur jista' jeżerċita s-setgħat mogħtija b'dan l-Att biex jiżgura li d-disinni reġistrati eżistenti li ma jkunux jikkonformaw mas-sistema ta' klassifikazzjoni stipulata taħt l-artikolu 90 isiru konformi bis-saħħa ta' dik is-sistema.

Pretensjoni dwar priorità minn applikazzjonijiet ġejjin minn barra l-pajjiż.

(15) L-artikolu 91 għandu japplika għal applikazzjoni għal reġistrazzjoni taħt dan l-Att li ssir wara l-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima minkejja li l-applikazzjoni skond il-Konvenzjoni tkun saret qabel il-bidu fis-seħħ.

Għal kemm iddum reġistrazzjoni u tiġdid tagħha.

(16) L-artikoli 72 u 73 għandhom japplikaw dwar ir-reġistrazzjoni ta' disinn wara applikazzjoni magħmula wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu:

Iżda fil-każ ta' reġistrazzjoni ta' disinn taħt il-liġi l-qadima, li ż-żmien tal-protezzjoni tiegħu jkun għadu ma skadix mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, ir-reġistrazzjoni tista' tiġġedded kif provdut fl-artikoli 72 u 73.